FSLM 26

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

JEKK AĦNA L-MALTIN IRRIDU NKUNU
L-MEXXEJJA TAGĦNA NFUSNA
JEĦTIEĠ NIRRISPETTAW IŻJED LIL XULXIN

IT-XLII SENA 1973 GĦADD 19

*Editur:* Prof. Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D., F.R.A.S.
*Asst. Edituri:* Mario Costa, B.A.(Hons.)
Ġorġ Muscat

**Membri tal-Kumitat Ċentrali**

| | |
|---|---|
| *President:* | Prof. Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D., F.R.A.S. |
| *Viċi President:* | Ġużè Cardona, B.A.(Hons.), M.A. |
| *Segretarju:* | Ġan Piet Portelli |
| *Asst. Segretarju:* | P.P. Buttigieg |
| *Teżoriera:* | M.R. Gatt, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.) |
| *Asst. Teżoriera:* | Doris Mifsud |
| *President Fergħa Drammatika:* | Mario Costa, B.A.(Hons.) |
| *President Fergħa Kulturali:* | Cesare Catania |
| *P.R.O.:* | Alfred Mifsud |
| *Membri:* | Tarcisio Zarb<br>Mario L. Falzon<br>Tonio Azzopardi<br>Ġorġ Muscat (co-opted) |

// LEHEN IL-MALTI

| IT-XLII SENA | 1973 | GHADD 19 |
|---|---|---|

DAN L-GHADD FIH:

EDITORJAL: *Qirda ta' Karattru* — ĠORĠ DOUBLESIN: *Anton Buttiġieġ* (*1912-* ) *Id-Diversi Aspetti tal-Poeżija Tiegħu* — DENNIS AGIUS: *Bixriet Stilistiċi u Filosofiċi F' "Iljieli fid-Deżert"* — J. AQUILINA: *Umanitas; Trid Titgħallem; Lil Dun Karm f'Qabru; Gwerra; Tinġiż* — T. CINI: *Il-Jien* — MARIO COSTA: *It-Teknika Drammatika* — *Żewġ Biċċiet Proża ta' Rużar Briffa.*

## QIRDA TA' KARATTRU

L-ISTORJA tad-dinja kienet, u tibqa', mill-bidu nett ġlieda minn taħt għal fuq u minn fuq għal taħt. Kieku kienet daqshekk biss, it-traġedja kienet tibqa' dejjem ħarxa imma aqsar għax b'att jew żewġ attijiet anqas. Imbarra minn din il-ġlieda minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel, hemm ukoll il-ġlieda tal-bniedem miegħu nnifsu u oħra ma taqta' qatt tan-nies ta' soċjetà waħda bejniethom kienet liema kienet il-klassi tagħhom. Fil-bniedem hemm ix-xejra ħażina li wieħed jeqred lil ieħor. Min ħoloq il-qawl Latin *Homo Homini Lupus* ma qalx ħaġa oħra ħlief dak li qed ingħid jien fi kliem ieħor; jiġifieri li l-Bniedem hu l-qerried tiegħu nnifsu (kumpless suwiċidali) u ta' bnedmin oħra bħalu (kumpless ta' regħba, setgħa, eċċ).

Minn studji psiko-analitiċi nistgħu naslu biex naqbdu f'idejna xi ħjut imżarrda mill-kobba mħabbla li huma t-taħwida ta' ġibdiet u xejriet qerrieda minsuġin ġo xulxin u kontra xulxin li flimkien, jagħmlu lill-bniedem qisu qasba l-ħin kollu tixxejjer mar-riħ, imbuttat minn forzi għomja li mhux dejjem ikun jiflaħ għalihom. Dawn ix-xejriet qerrieda, kumplessi bħal ma huma l-għira, ir-regħba għall-ġid jew għas-setgħa u molol oħra li jqabbżu għamil il-bniedem u jimbuttawh fi ġlieda ta' klassi ma' klassi u ta' nazzjon ma' nazzjon jistgħu jifirdu u jfarrku s-soċjetà jekk din ma tagħrafx trażżanhom.

Aħna l-Maltin, mhux inqas minn ġnus oħra, għandna quddiemna l-periklu tal-qirda tagħna nfusna bħala Maltin imħabba din il-ġlieda dejjem sejra bejn bniedem u bniedem (wieħed ma jaħmilx lil ieħor), bejn nazzjon u nazzjon. Il-ġnus il-kbar, imkabbrin bihom infushom, ma jħossux li hemm wisa' għall-ġnus iż-żgħar, u bħal dak li qallu biex jagħmlulhom pjaċir jippruvaw jibilgħuhom u jeqirduhom – daqqa jirnexxilhom, daqqa le. Minnaħa l-oħra, jekk is-sinsla tal-poplu ma tkunx therriet għal kollox, il-ġnus iż-żgħar iżommu iebes għal dan il-periklu ta' qirda billi jpattu għaċ-ċokon tan-numru tagħhom (eluf fejn il-miljuni fil-każ tagħna), bis-saħħa li tiġi mill-għaqda. Mal-qawl Latin *Homo Homini Lupus*, inżidilkom il-qawl Malti li jinsab f'ilsna oħra: "Il-ħuta ż-żgħira qatt ma kielet il-ħuta l-kbira". Min qatt jistenna li vopa tibla' baliena? Imma baliena tibla' baħar vopi jekk kemm-il darba din ma tittendix biha fil-waqt u taħrabha.

Hawn qiegħda s-salvazzjoni tal-popli ż-żgħar, sewwa sew fl-istess pont fejn hemm is-salvazzjoni tal-vopi mhedda bil-qirda tal-baliena jew ta' kelb il-baħar. Fl-ibħra tad-dinja hemm wisq klieb il-baħar qattiela jgħumu!

Biex il-Kbir ma jgħaffġekx u jkissrek ħalli jġibek taħtu, trid jew twarrab minn triqtu jew inkella ddurlu minn naħa oħra. Jekk ma tagħmilx hekk, jiġrilek bħal ħuta li tara baliena u tibqa' dieħla ġo ħalqha. Il-popli ż-żgħar li għandhom id-dritt igħixu biċ-ċiviltajiet qodma tagħhom, jeħtiġilhom jagħarfu l-periklu taż-żminijiet... il-periklu tal-ħuta l-kbira li tibla' l-ħuta ż-żgħira. Jekk il-popli ż-żgħar ma jagħarfux dan il-periklu, jistgħu jagħmlu t-testment tal-mewt u jħejju wkoll il-funeral tagħhom stess. F' dawn iż-żmenijiet, biex il-popli ż-żgħar jibqgħu jifilħu jgħixu, jeħtieġ li jkollhom il-għeruq tal-ħajja tagħhom imħawlin fil-qiegħ ta' l-identità nazzjonali tagħhom. Li kieku l-Baski *(Basques)*, li jgħoddu madwar darbtejn daqs il-Għawdxin, ma kellhomx is-sens qawwi ta' identità nazzjonali, kieku ilhom li nxtorbu u għebu mid-dinja bħala poplu. Madanakollu, għax għarfu jżommu iebes, u għax kellhom in-nies tagħhom qalbiena, il-Baski rnexxielhom iżommu l-identità nazzjonali tagħhom bla mittiefsa għalkemm politikament jagħmlu sehem wieħed ma' l-Istat Spanjol. Kien dan is-sens ta' periklu li ssib ruħha fih il-ħuta ż-żgħira quddiem il-ħuta l-kbira li ġagħal il-popli ż-żgħar igħożżu u jiffurmaw l-identità nazzjonali tagħhom u jżommu iebes għal kull attentat ta' qirda. Imma qabel xejn ried ikollhom dak is-sens ta' identità nazzjonali li tinbena fuq is-sens ta' rispett għal dak kollu li hu nazzjonali għalihom. Mingħajr dan is-sens ta' rispett għalihom infushom ma kienx jirnexxilhom.

Jien trabbejt u kbirt fi żmien meta mhux biss l-ilsien Malti imma tista' tgħid dak kollu li hu Malti kien immaqdar u mżeblaħ. Il-Malti kien meq-

jus bħala l-ilsien tal-kċina – l-ilsien tas-sefturi, l-ilsien tal-baxxi. Għal-ħekk il-qawmien favur l-ilsien Malti ġie l-ewwelnett minn fost il-ħaddiema, megħjunin minn xi ntellettwali li kienu ħarġu mill-klassi tal-ħaddiema. Bil-katedra, mindu twaqqfet sa llum, jiena bnejt fuq sisien qawwija l-istudji xjentifiċi tal-Malti; biha kabbart il-qima għal ilsien il-poplu fost l-istudenti ġo l-Università, dik il-ħabta ċentru qawwi ta' Konservatiżmu u maġmar ta' moviment qawwi kontra lsien il-poplu. Il-Malti llum laħaq il-livell akkademiku tal-lingwi l-oħra li jintgħallmu fl-Università b'differenza mportanti ħafna għalina. Id-differenza hi din: Waqt li l-ilsna barranin iduru dejjem madwar ċiviltà u kultura ta' nies oħra li m'għandhomx u qatt ma jista' jkollhom sehem fil-ħajja tagħna, il-katedra tal-Malti ġibdet l-attenzjoni ta' l-istudenti għal dak li huwa Malti u Nazzjonali; u tathom prinċipji xjentifiċi ta' fonetika u lingwistika ġenerali li tgħinhom fl-istudju ta' l-ilsna barranin; tathom apprezzament ta' letteratura Maltija; tal-folklor u studji soċjali Maltin; ħjiel ta' arkeoloġija u l-etnografija ta' Malta; storja ta' l-Islam; taħriġ fl-ilsien Taljan u Franċiż għal skop ta' qari u traduzzjoni ta' studji lingwistiċi miktubin b'dawn l-ilsna, minbarra l-lingwa Ingliża li biha huma miktubin xi kotba lingwistiċi li jaqraw tul il-kors. Barra minn hekk, kull student li jidħol għal B.A.(Hons.) barra li jistudja l-Għarbi għal tliet snin, jikteb fuq soġġett ta' nteress Malti, xogħol li għalih ikollu jagħmel ħafna tiftix qabel ma jibda jikteb. Bħall-istudenti l-oħra kollha, l-istudenti tal-Malti jkunu ġa għamlu kors ta' studji ta' Ċiviltà tal-Mediterran jew studji Klassiċi Kulturali. Fi kliem ieħor, il-katedra tal-Malti fettxet li tagħti lill-istudenti mhux biss formazzjoni akkademika bħal kull student ieħor fl-Universitajiet tad-dinja, imma wkoll sens ta' identità nazzjonali li qatt ma tista' tiġina minn għand il-barranin għaliex l-identità nazzjonali ta' dawn hija diversa minn tagħna.

Dan kien il-kontribut tal-katedra tal-Malti għall-ħolqien, tkattir u kobor ta' kultura u ċiviltà nazzjonali Maltija, f'għaqda waħda għalenija mal-kittieba u studjużi tal-Malti fl-imgħoddi u llum. Jekk qatt, għal xi raġuni jew oħra, din il-ħidma ta' formazzjoni taż-żgħażagħ fl-ambjent intellettwali ta' l-Università ma tiħux l-apprezzament li ħaqqha, għall-inqas trattament ugwali ma' dawk li jieħdu grad fl-ilsna barranin, iż-żgħażagħ Maltin iħossu rwieħhom iddemoralizzati u jibdew iħarsu lejn il-barrani b'sens ta' *inferiority complex* għalihom infushom, għas-soċjetà li ma tagħrafx tapprezza dak li hu Malti u jispiċċaw biex jitilfu kull sens ta' rispett għall-identità nazzjonali Maltija. U għal darb'oħra tirbaħ il-ħuta l-kbira li dejjem sabet min jagħlifha u jħaxxinha.

Ma għandna qatt ninsew li meta l-pajjiżi l-kbar riedu jixorbu u je-

qirdu l-pajjiżi żgħar, l-ewwel kanuni li fetħu mmirawhom għal fuq il-lingwa tal-pajjiżi. Dan għamluh b'argumenti li ħafna minnhom smajniehom hawn Malta, wieħed fost oħrajn li l-lingwa ta' pajjiż żgħir ma tiswiex għall-kummerċ ta' pajjiż ma' ieħor, bħal kieku fid-dinja ma kienx hemm ħlief kummerċ jonkella ma kienx hemm fid-dinja tlieta jew erba' lingwi internazzjonali (mhux ħafna iktar iżjed) li l-popli żgħar jistgħu jitgħallmuhom bħal popli oħra biex bihom jilħqu l-bżonnijiet industrijali u kummerċjali tal-pajjiżi jonkella m'hemmx ħafna lingwi oħra ta' pajjiżi żgħar b'letteratura u storja kbira.

Dawk li jiftakru t-Tieni Gwerra dinjija għadhom jiftakru l-inċident kurjuż ta' żewġt iħbieb tal-qalb (għall-inqas hekk kien jidher minn barra); il-kapijiet ta' żewġ pajjiżi li dik il-ħabta kienu jwerwru d-dinja. Qed ingħid għal Hitler, il-*Führer* tal-Ġermanja Nażista u Benito Mussolini, *il Duce* ta' l-Italja Faxxista. Dawn, għalkemm kienu ħbieb ta' ġewwa għax kellhom f'moħħhom li jagħmlu gwerra u mbagħad jaqsmu u jħalltu, it-tnejn ippersegwitaw liċ-ċittadini tagħhom li ma kinux jitkellmu l-lingwa tal-pajjiż għax ta' nisel ieħor. Il-komunità Taljana li kienet tagħmel sehem mit-territorju Nażista kienet imġiegħla tuża l-Ġermaniż bħala lingwa uffiċċjali flok it-Taljan u, bil-maqlub, il-Ġermaniżi li kienu jagħmlu sehem mit-territorju Faxxista kienu mġegħlin jużaw it-Taljan flok il-Ġermaniż.

Kull min jaf l-istorja, u jafha mhux bħala sensiela ta' ġrajjiet u dati biss, imma wkoll bħala dokument ta' ruħ il-poplu, ma jistax jaħrab il-konklużjoni li l-kuxjenza lingwistika tal-poplu hija mera ċara ta' l-identità tiegħu. Xhieda ta' dan għandna mhux biss mill-ġrajja tal-persekuzzjonijiet li tul is-sekli ġarrbu n-nazzjonijiet iż-żgħar, daqqa bil-miftuħ u daqqa bil-magħluq, imma wkoll mill-użu li l-popli l-kbar għamlu mill-lingwa tagħhom. Il-popli l-kbar ma jinqdewx bil-lingwa tagħhom għall-attivitajiet industrijali u kummerċjali biss, imma jinqdew bihom ukoll għall-attivitajiet li ma jħallux flus u lanqas isiru għall-flus, imma jsiru għax il-bniedem iħoss bżonnhom. B'dan il-mod, il-pajjiżi l-kbar ħolqu u kabbru l-letteratura tagħhom, u dan għamluh għax l-espressjoni tal-personalità tal-bniedem hija bżonn kbir għalih, daqs il-ħobż u daqs l-ilma li mingħajrhom imut. Kull poplu ħieles għandu d-dritt li jinqeda bil-lingwa li wiret mingħand missierijietu skond is-sengħa tal-kitba u hekk jagħti lil pajjiżu kontribut għall-iżvilupp kulturali tiegħu. Inkella pajjiż kif jista' qatt ikollu koltura tiegħu u jiftaħar li hu nazzjon?

Ħafna minn dawn l-awturi la qatt daħlu u lanqas jidħlu fl-attivitajiet tal-kummerċjanti u industrijalisti, imma huma l-aħjar ċertifikat taċ-ċiviltà ħajja ta' art twelidhom. Goethe u Schiller fil-Ġermanja, Chaucer u Shake-

speare fl-Ingilterra, Dante u Tasso fl-Italja u oħrajn f'pajjiżi oħra, biex ma ntawwalx il-lista, jixħtu dawl akbar fuq pajjiżhom fi żminijiethom minn ħafna oħrajn li isimhom intesa għax ma kellhom xejn x'jagħtu lill-umanità aktar mill-bżonnijiet tal-ġurnata għal dik il-ġurnata u forsi għal xi ftit żmien ieħor wara. Dak li jgħodd għall-kbir għandu jgħodd għaż-żgħir. Il-popli ż-żgħar għandhom ukoll id-dritt għar-rispett tagħhom infushom li jinbena l-ewwel nett fuq l-identità nazzjonali mbagħad fuq dak li l-poplu għandu l-ħila jagħmel. Il-pajjiżi ż-żgħar ma jistgħux jibqgħu jgħixu fid-dinja tal-lum jekk ma jħarsux lilhom infushom minn ħalq il-baliena. Ħalqha kbir wisq u jasa' ħafna! Il-ħuta l-kbira dejjem tibqa' tibla' l-ħuta ż-żgħira jekk din ma tittendix biha u tibqa' dieħla ġo ħalqha mal-kurrent ta' l-ilma.

L-akbar traġedja li jista' jiġrilu pajjiż żgħir mhux li jkollu jiġġieled għall-identità tiegħu ma' pajjiż kbir, (dan dejjem ġara u dejjem jibqa' jiġri) imma, li ħafna drabi, ikollu jiġġieled għall-ħarsien ta' l-identità nazzjonali tiegħu kontra x'uħud tal-pajjiż tiegħu li, għal xi raġuni jew oħra, ikunu tilfu l-identità nazzjonali tagħhom. Dawn, biex nagħti eżempju minn pajjiżna, ikunu Maltin ta' l-isem biss. Dawn agħar mill-barranin, huma l-akbar għajb u periklu għall-ħarsien ta' l-identità nazzjonali tagħna. Dawn, agħar mill-barranin, b'għamilhom jistgħu jkunu l-qirda tagħna bħala poplu Malti. Jekk nitilfu l-lingwa jew inkella nħalluha titħassar sa ma ssir speċi ta' lingwa ta' poplu bla sinsla b'daqshekk la sa nsiru Ingliżi, la Taljani, la Franċiżi u lanqas Ġermaniżi. Kulma jiġri hu li nitilfu dak li hu tagħna b'wirt minn għand misserijietna u li miegħu l-aħjar nies Maltin żiedu dak li hu ta' ħaddieħor biex il-kultura tagħhom tkun ta' livell għoli fil-wisa' tal-qalb u l-moħħ u mhux fid-djieq tal-preżent. Il-futur ta' Malta qiegħed f'idejn iż-żgħażagħ. Aħna nifirħu naraw joħorġu awturi tajba minn fosthom li l-kitba tagħhom hija dokument ta' żminijietna. L-agħar ħaġa li nistgħu nagħmlu għal pajjiżna hu li noħolqu sens ta' inferjorità *(inferiority complex)* bejnietna għal kull ħaġa li hi Maltija, fost dawn il-Lingwa tal-Poplu li tagħżilna minn ġnus oħra mingħajr ma tifridna minnhom. Min ma jħossux kburi bil-lingwa ta' pajjiżu, li għalina hu l-Malti daqs kemm l-Ingliż hu għall-Ingliżi wit-Taljan għat-Taljani, lanqas ma jħossu kburi bin-nies li jitkellmuh – fil-każ tagħna Maltin oħra bħalhom, u forsi għal din ir-raġuni x'uħud mill-Maltin tagħna li għamlu isem raw aktar apprezzament u qima mill-barranin milli mill-ġewwenin.

Li pajjiżi kbar jipprovaw itellfuna s-sens ta' l-identità nazzjonali, iġagħluna nħossu ruħna agħar u ċkejknin ħdejhom, tistennieha u tifhimha għax għandha r-raġuni tagħha – ir-raġuni tal-ħuta l-kbira li dejjem trid

tibla' l-ħuta ż-żgħira. Dak li jweġġa' u jdejjaq liż-żgħażagħ li għandhom sens ta' idejal (ix-xjuħ li ilhom jafu lil Malta jitnikktu imma ma jistagħġbux) hu l-isforzi li jagħmlu x'uħud minna l-Maltin biex ineżżgħuna mill-identità nazzjonali billi jċekknu lill-Ilsien Malti, ħaġa li ma jagħmluhiex popli oħra ċivilizzati – kbar u żgħar. Narġa' ngħid, li, li l-barrani, għall-ħsibijiet ta' moħħu, jipprova jneżżgħek għarwien biex inħossu rwieħna li m'aħna xejn, wieħed jifhimha għalkemm jikkundannaha. Dak li wieħed ma jifhemx malajr hu kif x'uħud mill-Maltin flok ma jgħinu liż-żgħażagħ tagħna jegħilbu s-sens ta' inferjorità li ilu jaħkem il-poplu tagħna, iżidu jfixkluhom issa b'mod issa b'ieħor... dejjem jippruvaw ineżżgħuhom mill-identità nazzjonali tagħna u jħalluhom għarwenin, mistħija mill-barranin donnu xi ħadd qed jimbuttahom minn daharhom bil-herra ħalli nadurawhom. Kif jista' jkun li dawn iż-żgħażagħ jitilgħu jirrispettaw lil Malta u lil sħabhom il-Maltin?

Ċesri saqsa lil ħabibu Brutus waqt li dan kien qed jinfdu bis-sejf *Et tu Brute!* – U int ukoll, Brutus! Nistħajjel kultant leħen Malta, sakemm għadha sħiħa u mhux mimsusa, issaqsi lil xi wħud minna: "Mill-barrani ma nistenniex ħaġ'oħra għax hekk jaqbillu... imma wliedi, intom ukoll tridu teqirduni?"

20.ii.73

J. AQUILINA

# ANTON BUTTIĠIEĠ (1912 – )
# ID-DIVERSI ASPETTI TAL-POEŻIJA TIEGĦU

Ta' ĠORĠ DOUBLESIN

FIL-QASAM letterarju lil Anton Buttigieg nafuh biss bħala poeta. Irrid ingħid, fejn poeti oħra tħajru jmiddu jdejhom għall-palk, bħal Ġużè Chetcuti, jew għall-kritika letterarja, bħal Karmenu Vassallo, Buttigieg għażel mezz wieħed u baqa' jħaddem dejjem lilu. B'hekk jidher li Buttigieg flok ma qagħad jinħela jesperimenta b'mezzi li ma jgħoddux għalih, minn kmieni fil-ħajja (kien għad għandu biss dsatax-il sena) għamel l-għażla tiegħu u nxteħet għall-poeżija. Sa hawn l-istorja ta' Buttigieg hija wkoll bħal dik ta' poeta kbir ieħor – Rużar Briffa.

Iżda din l-istess limitazzjoni li Buttigieg impona fuqu nnifsu ġegħlitu jilgħab b'diversi suġġetti kif ukoll b'diversi għamliet u forom li tilbes il-leħma poetika. B'riżultat ta' dan huwa daħħal fl-ilsien Malti l-Haiku u t-Tanka u ta spinta qawwija lill-epigramm li sa ftit snin ilu kien wasal biex imut. Fis-sitt ktieb li stampa Buttigieg imsemmi *Il-Muża Bil-Kimono* insibu ġabra ta' poeżiji qsar Haiku u Tanka, ħafna minnhom ispirati minn poeżija Ġappuniża iżda fosthom hemm ġojjell li lili laqatni ħafna għaliex inħoss li fil-konċiżjoni tiegħu hemm il-formula maġika tal-ewwel fażi fil-poeżija ta' Buttigieg.

Eħla għalija
minnek hemm inti biss
fil-ħolma tiegħi (Haiku nr. 121)

Il-messaġġ ta' dawn it-tliet versi huwa li fil-ħolm imorru d-difetti kollha. L-Utopia ta' Anton Buttigieg hija s-saltna tal-ħolm għaliex il-ħolm ipinġi isbaħ mir-realtà. Għalhekk tiġi weħidha l-mistoqsija: "Buttigieg fl-ewwel fażi tiegħu eskapista jew le?" Hemm xi kritiċi li jsostnu flimkien mal-Prof. Aquilina li dan il-poeta kien eskapista. Ta' min jinnota li Buttigieg innifsu m'huwiex kuntent b'din it-tikketta. Igħid il-poeta li l-fatt illi l-ewwel żewġ dammi tax-xogħlijiet tiegħu huma fil-qofol tagħhom poeżiji tan-natura ma jfissirx li hu eskapista. Madankollu wieħed ma jistax ma jaqbilx mal-Prof. Ġużè Aquilina meta fi *Studji Kritiċi Letterarji* (p. 123) igħid hekk: "Mad-dinja iebsa tal-ġebel wit-tajn li ngħixu fiha kuljum, imiss mill-inqas li jista'."

Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dan il-kliem inkiteb fil-1945 wara li deher *Mill-Gallerija ta' Żgħożiti* (Lux Press 1945), u jibqa' japplika sal-ħarġa fil-1949 ta' *Fanali Bil-Lejl* (Empire Press). Minn dik is-sena 'l quddiem, madankollu, Buttigieg bħal donnu għamel kalkoli ġodda u ġibed f'direzzjoni oħra.

Imma ħalli nieqfu hawn biex naraw ftit din l-ewwel fażi tal-poeta tagħna. Imwieled Għawdex fejn qatta' tfulitu, Buttigieg xorob minnufih għerf ir-raba'. Tgħallem minn ċkunitu l-għana tal-għasafar, l-ilwien tal-uċuħ tar-raba' tul l-erba' staġuni. Sa l-1949 mal-ħarġa ta' *Fanali Bil-Lejl* kien kiseb it-titlu ta' "Il-poeta tan-natura", u bir-raġun kollu, bis-saħħa ta' versi bħal dawn meħudin minn *Il-Gżira ta' Atlantis*

ix-xmara sejra sserrep
tar-raba' fil-ħelsien;
mal-ħamla l-wiżż jiġġerra
ma' dellu t-tnejn flimkien

*(Gallerija ta' Żgħożiti*, pġ. 62)

u dawn meħudin minn *Lill-Kampanella:*

......donnok libsa ħadra
miżgħuda bir-rubini hemmhekk mitluqa
minn xi Fatata,

*(Ibid.,* pġ. 62).

Billi l-poeta tgħallem dritt min-natura l-misteri tal-flora u tal-fauna, lil Buttigieg għad ma laħqu ħadd f'din l-isfera. Madankollu, dan l-istess element romantiku hekk evidenti fl-ewwel ġabra tiegħu huwa prova ċara li Buttigieg konxjament tbiegħed mill-attwalità tal-poeżija soċjali. U dan għamlu, fil-fehma tiegħi, biex meta l-għafsa u t-tensjoni tal-ħajja moderna tagħfas fuqu aktar milli jmissha, għalkemm jingħalaq fil-palazz tal-fantasija li huwa ħoloq għalih innifsu. Hekk fil-poeżija *Id-Dura tal-Merħ* jien inqabbel lil Buttigieg ma' Wordsworth f'*I Wandered Lonely as a Cloud:*

| | |
|---|---|
| Il-ħlewwa li nisslet id-dehra<br>ġo qalbi f'dik l-għodwa t'April<br>qatt blieqet qatt għabet għal kollox<br><br>........................<br>U meta mill-glieda tal-ħajja<br>għajjien inħoss ruħi qatigħ<br>*nixtieq* nerġa' mmur lejn (i)d-dura (sic)<br>(pġ. 24 *ibid.*) | *I gazed — and gazed — but little thought*<br>*What wealth the show to me had brought.*<br>*For oft when in my couch I lie*<br>*in vacant or in pensive mood*<br>*They flash upon that inward eye*<br>*Which is the bliss of solitude.*<br>(Poems of Wordsworth,<br>Macmillan 1965, pġ. 128). |

U għal darb'oħra fi *Il-Ħażna tal-Peprin* (p. 18) fejn il-Baħar tar-Ranġis jinbidel f'baħar ta' Peprin.

U jien ġo soddti dlonk bdejt ngħum, nitbahrad
ġo baħar ta' peprin, baħar ta' ġid,
ferħan li peprin nista' ta' kull ħlewwa
naħtaf u naqta' kemm u x'ħin irrid.

Xebh hemm żgur għaliex il-poeta Malti nnifsu jistqarr li imita lil Wordsworth f'okkażjonijiet oħra bħalma għamel f'*Iż-Żebbuġ ta' Għawdex.*

Xi minn daqqiet il-*mode d'emploi* ta' Buttigieg huwa dak ta' pittur li jfittex jirreġistra fuq it-tila xena li qed thedded li tinqered minn wiċċ l-art. Dan hu l-metodu li juża Anton Buttiġieġ fil-poeżija *Id-Dgħajjes tal-Latini,* metodu li jfakkrek fil-pittur Spanjol Murillo, li għalih il-poeta għandu qima speċjali.

bl-għajat tal-bdot u tal-baħrin żagħżugħa
ma' l-arbli mxabbta
Jiftħu għar-riħ tal-majjistral mill-poppa
tirkett fuq l-arblu ta' quddien, majjistral
wara, u l-qlugħ iż-żgħir tal-pallakkun
barra mill-pruwa,
(*Gallerija ta' Żgħożiti,* pġ. 52)

Aktar 'il fuq għidt li Buttigieg illum ġibed rotta diversa minn dik ta' poeta għal kollox romantiku. Iżda dan ma jfissirx li tilef il-ħila li jpinġi xeni bħal dawn jew li m'għadux jiktibhom. Fil-fatt sa l-1968 insibuh għandu jikteb b'dal mod:

Il-Bugonvilla
telgħet mal-ħajt sat-tieqa
mhux sabiex tisraq
iżda biex toffri fjura
lin-nies ta' ġewwa l-kamra
(*Tanka – il-Muża bil-Kimono,* nru. 45).

Versi liriċi li jfakkruk f'disinn delikat fuq xi mrewħa Ġappuniża. Il-ħsieb huwa sempliċi: ix-xitla tagħtiha ftit ilma, fjuri tagħmel. Mhux dejjem bħalha jagħmel il-bniedem. Din il-bugonvilla tinsab f'waħda mill-btieħi tal-palazz tal-gvernatur, il-belt. Reċenti wkoll hija l-poeżija *Il-Ħolma t'Alla* fejn il-poeta jżewweġ il-ġmiel tal-ħolqien mal-ħsieb reliġjuż, il-Kobor t'Alla, nota li tista' tgħid insibuha fil-poeti kollha, barranin ukoll. Iżda jibqgħu magħrufin biss dawk li jfissru l-ħsieb bi kliem mirqum u

versi melodjużi li jitgerrbu mill-ilsien ħafif ħafif. Nisimgħu l-ewwel lil Victor Hugo (1802-1885).

Et les flots bleus, que rien ne gouverne et n'arrête,
Disaient, en recourbant l'ecume de leur crête:
– C'est le Seigneur, le Seigneur Dieu!

("Extase" Nine French Poets, Macmillan – pġ. 52).

(U l-mewġiet żoroq li ħadd ma jista' għalihom, qalu huma u jitliegħbu bil-kuruna tar-ragħwa fuq rashom – Dan hu l-Mulej, il-Mulej Alla). Xejn anqas melodjuż minnu Buttigieg.

Għalhekk meta tmur timxi fil-kampanja, ftakar sewwa
illi qed timxi ġewwa l-ħolma t'Alla;
Irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima,

(*Qasba Mar-Riħ*, pġ. 1).

Sbieħ it-tnejn. B'danakollu meta wieħed joqgħod jixtarr il-poeżija tal-Malti isib li Buttigieg ħareġ b'xi ħaġa ġdida għal kollox; it-teżi li n-natura hija it-twettiq tal-ħolma t'Alla.

Mill-imħabba għan-natura għall-imħabba tal-wieħed għall-waħda naslu f'qabża waħda. U hawn Buttigieg jurina kemm huwa tassew versatili għax kiteb dwar is-suġġett sew meta l-lehma sabitu qalbu sewda, aktar minn hekk meta sabitu mnikket għall-mewt, kif ukoll meta kellu xejra ferriħija, fejn irnexxielu wkoll, ħaġa mhux soltu fil-poeżija Maltija, idaħħal nota umoristika:

* Tfajla għad jasal jum minn tax-xjuħija
li f'idek jiġu dawn il-versi fqira
...............................
Jien inkun mitt, u ġismi sar ħamrija
u ruħi tkun qed tagħmel xi titjira;
minni ma fadal xejn ħlief xi tifkira;
inbiegħet tkun fl-irkant l-iskrivanija.

(*Qasba Mar-Riħ*, pġ. 59).

*(Oriġinarjament "Tfajla" inbidlet f' "Connie" meta ġiet għall-istampa għal raġunijiet ovvji). Iżda l-ħajja lagħbet daqqtejn ta' ħarta sew lill-poeta tagħna, daqqtejn ta' ħarta li kienu jxejnu bniedem b'rieda anqas soda minn dik ta' Buttigieg. Għal żmien, il-muża nixfet f'qalb il-poeta u meta reġa' qabad il-pinna biex jikteb kien għadu qed jara madwaru sħab tqil iswed. Xorta waħda Anton Buttigieg jibqa' jiftakar fiż-żmien ta' ferħ

u hena. U dak li messu kiteb ftit wara t-tieġ tiegħu, kitbu sentejn wara l-mewt ta' l-ewwel mara tiegħu. Madankollu l-imgħoddi issa mhux ser iferrħu, iżda bil-maqlub ifakkru fit-telfa tiegħu u jżidlu man-niket li għandu. Dan hu l-ħsieb ta' *Niftakar*, poeżija unika fil-letteratura Maltija:

Niftakar.
. . . . . . . . . . . . .
il-qabar, il-għadam id-dud
il-ħabel iżaqżaq bil-pis tat-tebut
il-ħoss tal-kazzola mal-art
u l-qabar jitgħatta bil-ward.

(*Qasba Mar-Riħ*, pġ. 47).

Versi tassew makabri iżda t-ton għalkemm pessimist huwa kontrollat mill-bidu sa l-aħħar u Buttigieg ma jnewwaħx. L-oriġinalità tal-poeżija tinsab fil-kuntrast ta' bejn iż-żewġ kwadri, li jagħmel mill-poeżija antitesi waħda minn tarf sa tarf. Interessanti li din, waħda mill-isbaħ poeżiji fi lsienna, ġiet ispirata mill-*Madame Butterfly* ta' Puccini. Il-ħsieb ġie f'moħħ il-poeta waqt li kien it-tijatru u l-għada kienet lesta. Ikollna nistqarru, iżda, li t-ton tal-poeżija hu xi ftit negativ, u jmur kontra l-istess prinċipju ta' Buttigieg. Wieħed isibha bi tqila biex għalhekk jifhem l-għaliex kellu jkun aktar ottimist fil-poeżija *Dalwaqt Jisbaħ* milli f'*Niftakar* meta ta' l-ewwel inkitbet sewwa sew wara l-mewt ta' Nannie filwaqt li tat-tieni nkitbet sentejn wara. F'*Dalwaqt Jisbaħ* insibu dak li hu nieqes f'*Niftakar* – nota ta' tama.

Ilmaħ ftit dik il-gawwija
barra l-port
sejra tofroq
il-għelieqi tal-idwal;
dik hi marti tistennieni
bħalha hieni
inkun jiena f'qasir żmien.

(*Fanali bil-Lejl*, pġ. 111).

Il-poeta jittama mhux fil-mewt iżda f'ħajja 'l hemm mill-mewt.

Kienet sewwa sew din it-traġedja li ġiebet bidla ħafifa f'Buttigieg Intenni li hija bidla ħafifa u mhux metamorfosi. Biss, min iqabbel l-ewwel żewġ antoloġiji ma' *Qasba Mar-Riħ* isib li fejn qabel il-biċċa l-kbira tal-poeżiji kienu impersonali, u l-poeta estrovert, fl-aħħar ġabra tal-poeżiji ta' Buttigieg il-maġġoranza huma individwali, awtobijografiċi u fihom Buttigieg huwa introvert. Mill-1945 sal-1952 il-fantasija naqset jekk ma

għebitx għal kollox u minflokha daħlet ir-realtà. Dan kollu ġara hekk bil-mod li aħna ma nistgħux niffissaw data u ngħidu dan kien it-*turning point* fil-kitba ta' Buttigieg. B'danakollu m'hemm l-ebda dubju li llum Buttigieg huwa *engagé*, huwa marbut ma' ċerti prinċipji u fehmiet.

Naraw kemm tassew Buttigieg kien impersonali u estrovert jekk naqbdu l-ewwel versi ta' wħud mill-poeżiji:

| | |
|---|---|
| *Ja* Dudu tal-ħarir ġod-deheb imgeżwer | (*Gallerija* pġ. 34) |
| Is-sliem għalik, *ja* Għodwa, int Ruħ qawwija | (*Gallerija* pġ. 37) |
| Minxura fuq il-ħajt ħdejn in-nixxiegħa | |
| *ja* Kampanella ........... | (*Gallerija* pġ. 39) |
| Rajtek, *ja* palma mferrxa | (*Gallerija* pġ. 40) |
| *Ja* Palma Tiegħi, fejn hu ż-żmien ta' żmienek | (*Gallerija* pġ. 50) |
| *Ja* dgħajjes tal-latini, kif il-għodwa | (*Gallerija* pġ. 52) |

Nosservaw minnufih li sa mill-ewwel vers l-awtur jindirizza xi oġġett jew ħlejqa u rari jagħmel riferenza għal xi episodju minn ħajtu. Fil-fatt *Għanja lill-Bufula* hija waħda mill-ftit poeżiji ta' din id-damma li fihom nota awtobijografika. Hawnhekk il-poeta jirriferi għaż-żmien meta huwa nġabar bil-leva u għalhekk jistaqsi lill-bufula:

Għaliex, Bufula, l-ħajja għanet lilek
bil-ġid u l-ħlewwa, bil-ħelsien u s-sliema,
u lili ċaħdet ta' din l-art kull hena?
għaliex? għaliex?
(*Gallerija* pġ. 98).

Ħajta rqiqa ta' melankonija fiha l-poeżija iżda fis tiġi newtralizzata b'nota ottimista tliet strofi aktar 'l isfel.

Ah! forsi jien ukoll għad ninża' l-libsa
tal-lejl u n-nhar u tal-ħtiġijiet tal-ġisem,
tad-dmirijiet u r-rbit, u fuq il-ġwienaħ
ħielsa tas-sliem,
Bħalek nittajjar.

Madankollu dan kien żmien il-gwerra u jekk Buttigieg inġabar fis-servizz (kien Spettur fil-Malta Police Force – Malta Who's Who) ma kienx waħdu u għalhekk sata' jagħti ħarsa madwaru u jitfarraġ. Mhux hekk fl-1948 meta l-burraxka li għadda minnha kienet għalih personali. Buttigieg sar jaf li martu (l-ewwel mara, Carmen Bezzina) sfat milquta minn marda serja u li ma kien hemm l-ebda tama ta' fejqan għaliha. Biex wieħed jistabar u jittama, irid jara xaqq dawl iżda l-poeta kien jaf tajjeb li

s-sentenza tal-mewt ta' martu ma setgħetx tinbidel. Għalhekk kien fadal triq waħda biss miftuħa għalih – dik li jaħrab fis-saltna tal-poeżija. Din hi t-tama tal-poeżija *Il-Kebbies tal-Fanali* li dwarha huwa nnifsu jgħid:

"Darba jew darbtejn fil-ġimgħa kont ninfexx siegħa waħdi, ningħalaq ġewwa fija, u nikteb. Kienet iżżommni. Darba waħda, waqt illi kont fis-sodda ġietni din l-idea ta' Majsi l-kebbies. Qomt malajr u ktibtha. Harġet fi kwistjoni ta' minuti kif joħorġu l-poeżijiet sbieħ, bla preparazzjoni xejn." (F'intervista mogħtija lill-Professur Ġużè Aquilina bid-data 1961).

Kull fl-għaxija
kif mal-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum
jiġi Majsi bis-sellum
u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken,

(*Fanali bil-lejl* – Dħul).

Min jiġi biex jikkummenta fuq din il-poeżija, soltu jikkwota l-egħluq (jiġifieri r-riflessjoni) tagħha – l-aħħar strofa li tibda, "Alla ħares ma kienx Majsi". Jien qed inġib il-ftuħ tal-poeżija billi naħseb li sibt il-ġenesi, f'poeżija minn ta' Robert Louis Stevenson (1850-1894) imsemmija appuntu *The Lamplighter.* Biex wieħed jieħu idea ta' kemm jersaq qrib Buttigieg qed inġib dawn il-versi ta' Stevenson.

................ and the sun has left the sky.
It's time to take the window to see Leerie going by;
For every night at teatime and before you take your seat,
With lantern and with ladder he comes posting up the street.
..................................................
For we are very lucky, with a lamp before the door,
And Leerie stops to light it as he lights so many more;

(*A Child's Garden of Verses,* Heritage Press, p. 36).

Xebh hemm saħansitra fil-għażla tal-isem Leerie/Majsi, t-tnejn ta' żewġ sillabi u bl-istess fonema fit-tarf. (Fil-fatt, igħidilna l-poeta, il-kebbies kien jismu Bernard, u Majsi kien il-bejjiegħ tal-pitlorju, iżda r-ritmu kien jitlob li Majsi jieħu post Bernard). Miniex ngħid li dan huwa każ ta' qlib jew plaġjariżmu, iżda każ ta' "reminixxenza poetika" (il-frażi ta' Ġużè Aquilina). U biex nagħtu lil Buttigieg kull mertu li ħaqqu, fejn R.L. Stevenson iżomm il-ħsieb tal-kebbies, il-Malti jinqeda bih bħala simbolu għall-muża poetika.

Kif ġa rajna, il-poeta tilef 'il martu u *Niftakar* hija l-epilogu tal-ġrajja traġika. B'danakollu fi kliem il-poeta nnifsu "Il-ħajja tagħtik daqqa iżda lanqas ma tħallik tibki. Tgħidlek insa l-biki u ibqa' miexi." U f'dan iż-żmien ta' prova l-avukat Buttigieg sab min iwieżnu – sab lil ommu.

Uliedi, tliftu 'l ommkom ċkejknin ħafna,
iżda ma batejtux għax sibtu n-Nanna;
uliedi, ħobbu u weġġħu lil nannitkom
kif Ġesù ħabb u weġġah lil Sant'Anna.

Din hija l-faċċata li l-poeti kbar Maltin kollha kitbu fuqha – l-imħabba lejn l-omm. It-tielet volum li ħareġ Buttigieg *Ejjew Nidħku Ftit* (1962) iġib din id-dedika "Lil ommi u lil missieri li rabbew lili u lit-tliet uliedi". Fejn poeti oħrajn jaqbdu dejjem l-istess rotta – l-imħabba sesswali – Buttigieg jesplora rkejjen oħra tal-imħabba.

...................... fi ħdani
inqiegħed lil *Manol* roża u fewwieħ (ibnu t-tieni wieħed Emanuel)
u nross wiċċi ma' wiċċu, bih nitgħaxxaq
u nxommu kif inxomm blanzun sabiħ.

Nosservaw hawn il-ħila tal-poeta li f'erba' versi jdaħħal is-sens tal-ħars, tal-ħass u tax-xamm. Versi bħal dawn għandu Victor Hugo fil-poeżija *Lorsque l'enfant parait:*

Enfant, vous êtes l'aube et mon âme est la plaine
Qui des plus douces fleurs embaume son haleine
Quand vous la respirez.

(Tfajjel, inti ż-żerniq u ruħi l-pjanura li timtela bil-fwieħa tal-oħla fjuri malli tieħu n-nifs int).

Dawn iż-żewġ poeżiji Buttigieg iġibhom fit-taqsima *Sentimenti Varji* li hi l-iqsar taqsima tal-ktieb. Mill-banda l-oħra poeżiji reliġjużi u poeżiji natura cum reliġjon, jew imħabba cum reliġjon għandu kemm trid. Is-sabiħa hi li meta sekular jikteb poeżija reliġjuża ħafna drabi jilħaq, f'dik li hija sinċerità lil poeti bħal Dun Karm u Profs. Cuschieri, li r-reliġjon għalihom hija, biex ngħid hekk, ħobżhom. F'moħħi għandi lil Rużar Briffa fil-poeżija *Wieħed Biss* u *L-Għanja tal-Imnikket.* Lil Buttigieg tagħmillu ġieħ din:

bil-lejl, bin-nhar qed għassa fuq il-qabar
b'idejn miftuħa t-tnejn, il-Kurċifiss.
U meta fil-qawmien hi tqum min-nagħsa,

Hu jinżel mis-salib, u lejn il-Wied
jeħodha għand Missieru u jgħidlu ħlejju:
din emmnet fik, Missier, ħudha s-smewwiet.
*(Il-Għassies tal-Qobra, Qasba mar-Riħ,* pġ. 50).

poeżija tabilħaqq sinċiera. Semmejt waħda, stajt semmejt għaxra oħra. Kif qed naraw dan il-poeta ittratta diversi aspetti tal-ħajja. Iżda Buttigieg huwa versatili wkoll fil-prosodija, fejn juri preferenza għas-Saffika, klassika u mhix, għalkemm huwa jabbuża mis-Saffika għaliex is-suġġett mhux dejjem huwa għoli biżżejjed kif titlob din l-għamla ta' poeżija. Qrib l-1950 madankollu Buttigieg interessa ruħu f'għamliet oħra, ngħidu aħna l-vers imħallat li ħaddem b'għaqal kbir. F'idejh il-vers imħallat huwa mexxej u l-widna titpaxxa bis-sens ta' libertà li joħloq l-enjambement kważi kontinwu.

Mma meta tal-għodwa 6
id-dija 3
dlonk tkeċċi lid-dalma lejlija, 9
erħilha lit-tieqa 6
tidhirlek 3
impittra, miżwieqa, 6
timtela bil-ħajja u l-lwien 9
*(It-Tieqa, Qasba mar-Riħ,* pġ. 63).

Żewġ versi minn din il-poeżija, osservajt, għandhom remixxenza qawwija ta' Rużar Briffa fix-xogħol tiegħu *Lil Ommi.* Il-versi huma dawn.

| | |
|---|---|
| tbissimli bil-ħlewwa | benninni bil-ħlewwa |
| nessili kull dnewwa | .................. |
| | nessini kull dnewwa; |
| (Buttigieg) | *(Poeżiji,* pġ. 26) |

Billi ta' Briffa ġġib id-data 1928, huwa ċar li l-versi oriġinali huma tiegħu. Inħoss li hawn għandna xhieda tal-opinjoni għolja u l-qima li Buttigieg għandu lejn il-mibki Tabib Speċjalista Briffa bħala poeta. Lanqas m'għandna niskantaw jekk Buttiġieġ kien hekk familjari mal-poeżiji ta' Briffa li dawn il-versi qabżulu bla ma jaf kif. Poeżija importanti ferm għax tixħet dawl fuq il-filosofija tal-ħajja, kif jifhimha hu: *Roll with the blows* hija din li ġejja:

Qasba tixxejjer
mar-riħ jien kont fil-ħajja
qatt ma kissirni

ir-riħ! 'mma tgħidx kemm ġagħalni
nilgħaq it-trab tal-art.

*(Tanka nru. 14, Il-Muża Bil-Kimono).*

Versi mħallta (tal-ħamsa u tas-sebgħa) flimkien ma' enjambement u ħsieb epigrammatiku, kontenut u forma, joħolqu din il-ġawhra ta' poeżija.

Fl-aħħarnett, biex nagħilqu fuq nota ferrieħa, nagħtu titwila lejn l-epigrammi ta' Buttigieg miġbura f'*Ejjew Nidħku Ftit* – 1962 u *Ejjew Nidħku Ftit Ieħor* (Lux Press – 1965). In-nota karatteristika tal-epigrammi umoristiċi ta' Buttiġieġ hi l-*punch line* li jekk jista' jkun ma jitfaċċax qabel imiss. Il-versi aktarx ikunu tal-ħdax.

"Sur Kappillan, jaħasra jiena fqira,
m'għandix ħasi għalik, vojt is-senduq;"
U dak il-ħin ħa jseddqu l-kelma tagħha,
qagħqgħu t-tiġieġ ilkoll, dena s-serduk!

*(Ejja Nidħku Ftit Ieħor,* nru. 94).

Helwa wkoll hija *Devota Qalbiena* (nru. 271) fejn biex wieħed jifhem x'inhu jagħmel Buttigieg irid jintebaħ li hawn għandu parodija tal-forma (mhux tal-kontenut) ta' poeżija magħrufa ta' Dun Karm *Il-Qalbieni.* B'hekk Buttigieg jirbaħ l-effett tal-*Mock Heroics.*

| *Buttiġieġ* | *Dun Karm* |
|---|---|
| Kien ili siegħa | Niżel sa fl-aħħar |
| naraha żżiġġ | wiċċu daħkan |
| bejn il-kolonni | u qabeż barra |
| u terġa' tfiġġ, | mill-ajruplan |
| Sa fl-aħħar ħarġet, | Kien ili siegħa |
| U ħdejn il-vara | għajnejja fih |
| tal-bieb ta' barra | narah jittajjar |
| lemħet il-ġara. | eħfef mir-riħ. |

*(Antoloġija,* pġ. 123).

Id-daħk fl-epigrammi ta' Buttigieg huwa ġenwin u mhux imqanżaħ.

Dan huwa mela Buttigieg. Poeta versatili u prolifiku (297 poeżiji bejn l-1945-52 u skond ma stqarr fadallu ħafna x'joħroġ). Huwa wkoll konsistenti fil-kwalità għalkemm "iż-żmien tan-nixfa" li lmenta minnu Dr. Rużar Briffa mess lilu wkoll bejn is-snin 1952-1956. Briffa u Psaila waslu fi tmiem il-ġrajja. Dan għadu wasal nofs triq... u l-pass dejjem jissoda.

# BIXRIET STILISTIĊI U FILOSOFIĊI F'"ILJIELI FID-DEŻERT"

Ta' Dennis Agius

*Studju minn Patri Dwardu Fenech B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A., O.S.A.*

Il-għanja ta' Dennis Agius hi għanja ġdida. Ġdida fil-forma, fl-istruttura tagħha; ġdida fil-lehma, fl-ispirazzjoni tagħha. Hi r-riżultat ta' fużjoni kbira ta' kultura Ewropeja, imbierka u mqaddsa bit-twemmin fi Kristu, u kultura Islamika, imnebbħa u mseddqa bil-preżenza ta' Alla Wieħed u r-rażul tiegħu Muħammed li ġieb fost ħafna nies riforma spiritwali tassew qawwija. Id-dixxipli ta' Kristu u dawk ta' Muħammed huma lkoll aħwa u min-natura tagħhom huma mikrumin għat-Tajjeb u għas-Sabiħ, u jistqarru kull ħin il-Kobor t'Alla. Ir-reliġjon, meta wieħed ikollu fidi fiha u jħarisha minn qalbu, iġġib is-sliem u l-għaqda fost il-bnedmin, u twassal għall-paċi li ma tintemmx li tibda kif tieqaf din il-ħajja. Dawn il-ħjelijiet imżewqa għandhom iservu ta' sfond intellettwali għal min irid jaqra u jifhem sewwa l-għanja ta' Dennis Agius.

L-ewwel ħaġa li tolqot il-qarrej, hi l-forma tal-poeżija. Agius ma jippruvax jagħti aspett simmetriku permezz ta' sinjali grafiċi. L-użu ta' l-ittri majjuskoli hu ristrett ħafna: aktarx li hu limitat għal xi termini mħaddma b'sens dejjaq jew speċjalizzat, bħal: il-Jien (f'ħafna poeżiji), il-Le tal-Hajja (Id-Daħla fuq il-Jien, l-Ewwel Taqsima, p. 24), il-waqt tal-Haġa, l-Assolut u s-Sieħba (Nebħa, p. 42); il-majjuskoli jintużaw ukoll għal ismijiet proprji u ismijiet ġjografiċi, bħal: Faruni, Nasser (Fid-Deżert, p. 9 u 11), Naġat, Ġamîla, Khadîga, Huda, Suħir, Samira (Il-Hemda, It-Tieni Taqsima, p. 16), Lama, Buddha, Asuras (Id-Daħla fuq il-Jien, pp. 26-27); il-Kajr, il-Marokk, il-Baħar l-Aħmar, Ewfrate, Tigris, Għarabija, in-Nil (Fid-Deżert, pp. 9-10), Malta, San Pawl tat-Tarġa (Il-Hemda, l-ewwel taqsima, p. 13), is-Surija (Iljieli fid-Deżert, p. 21), il-Hermel, il-Lubnan, iċ-Ċina (Maqtugħ mid-Dinja, p. 29); l-ittri majjuskoli jintużaw ukoll biex juru nazzjonalità jew isem f'għamla ta' laqam, bħal: l-Għarab, il-Maltin (Il-Hemda, l-ewwel taqsima, p. 13), Sejf Allah, Għamm Baħġât (Mewt Għamm Baħġat, p. 19), el Ġaħiż (Id-Daħla fuq il-Jien, p. 22). Mill-bqija, diffiċilment biex issib xi ittra majjuskola oħra. Il-poeżija *Fid-Deżert*, per eżempju, tibda hekk: U dħalt fil-belt ta' Kajr...'. Imma din hi eċċezzjoni. Normalment, l-istrofi kollha jibdew b'ittra minuskola.

Hekk jiġri wkoll wara kull punt. F'dil-ħaġa, Dennis Agius jidher li kien influwenzat mill-istudji Għarbin li hu kellu f'Bejrut, fil-Kajr u f'pajjiżi oħra Għarab fejn tkompla tkisser fil-Għarbi Klassiku, Modern u Dijalettali. Kultant tinħass ekonomija anki fil-virgoli u f'punteġġjatura oħra. Ara silta mill-poeżija: *Lil Hinn:*

*sbaħt dal-għodu*
*u ġara*
*li spiċċat id-dinja*
*u kollox għeb,*
*imbagħad*
*jisbaħ għada u tkun aħjar*
*jisbaħ għada u nkun aħjar*
*kmieni*
*tersaq lejja*
*il-hena.*

Kif jidher minn din is-silta, Dennis Agius iħaddem il-versi ħielsa moderni. X'aktarx li jaħrab mir-rima, u jġenneb ukoll ir-regoli tal-metrika tradizzjonali. Imma l-widna u s-sens tal-kontenut igħinuh fit-taqsima talversi. B'hekk, fil-waqt li jkun qed jaħrab mill-periklu li jaqa' f'artifiċjalità psewdo-poetika, jirnexxilu jibbilanċja l-għanja tiegħu u jikkontrollaha mod ieħor. Għal Agius, l-iktar importanti fil-poeżija mhix il-libsa esterna, imma l-messaġġ tar-ruħ, l-esterjorizzazzjoni tal-ħsieb fundamentali li jinbet fil-moħħ, u l-inkubu li jitnissel b'dan il-mod fil-qarrej biex ma jibqax spettatur passiv fid-dramm uman. Min jaqra għandu jagħti s-sehem tiegħu, għandu jkun attur li jaħdem il-parti tiegħu sewwa u bil-għaqal. Għal dan il-għan, tgħin ukoll in-nota kważi-prożajka li tinħass f'ħafna mill-versi ta' Agius. Għaliex tkompli turi l-istat ta' kriżi li fih isib ruħu l-poeta meta jkun għaddej minn esperjenza qarsa u mwiegħra.

Fil-għana ta' Dennis Agius, ninnutaw sens ta' kontinwità minn poeżija għal oħra. Għalkemm il-poeżiji huma kotrana fil-għadd, aħna nistgħu nqisuhom bħala poema waħda. Kull waħda minnhom tirrappreżenta l-istat preżenti ta' moħħ il-poeta, b'mod li huma rifless ta' kull waqt li fih ikunu qegħdin jiġuh konċetti ġodda u jittrażmettihom lilna bis-saħħa talkitba. Minħabba f'hekk, il-kelma konġuntiva "u", tinsab imtennija ta' spiss, kemm f'ras ħafna mill-poeżiji, u kemm fl-iżvolġiment tal-kontenut tagħhom. Ara l-ewwel strofa tal-poeżija *Iljieli fid-Deżert:*

*u jafni ż-żiemel*
*id-deżert, u l-lejl,*

*tafni l-jiem twal*
*u tafni n-nies,*
*'l hinn f'dik il-firxa twila tad-deheb.*

Fl-istruttura tas-sentenza ta' Dennis Agius, tinħass ukoll nota Semitika qawwija. Is-sentenza x'aktarx li tibda b'verb meta jkun possibli, u ġie li wkoll tibda b'xi parteċipju. Ara l-ewwel strofa ta' *Mewt Għamm Baħġât*:

*imgeżwer fil-għibba*
*imlefilfa rasu fil-keffija*
*imħażżem bi ħżiem missier missieru*
*żagħżugħ kien għadu*
*tletin minn għomru kien għad għandu*
*instabat jum minn jiemu*
*ma' l-art*
*u qatt ma rajtu.*

Din is-silta turina wkoll l-influwenza Semitika fil-kitba ta' Agius. Il-poeta ma jibżax jissellef il-kliem mill-Għarbi jew minn xi lsien ieħor, anki jekk ikollu kultant jagħti tifsira f'qiegħ il-paġna. Imma l-lewn lingwistiku u kulturali jrid joħorġu. Ninnutaw ukoll tiswir ta' espressjonijiet Għarbin, bħal ma hi: "jum minn jiemu". L-importanti hu li l-poeta jdaħħlek fl-atmosfera li jridek fiha. Ara xi ftit mill-vokabolarju Semitiku li jdaħħal fil-poeżiji tiegħu: as salamu għalajka (is-sliem għalik), u rajt l-ilwien żarqa, għud (strument tad-daqq), nebħa (kuxjenza), Sieħba (relazzjoni), l-għaddien (żmien li jgħaddi), l-istennija (il-mistennija, l-aspettazzjoni), il-ħsibija (l-ideoloġija), inħajjel (nisthajjel), Allahu Akbar, il-Jinija (l-egoiżmu), il-firxa (l-ispazju). Biex daħħal dan il-vokabolarju, Dennis Agius kellu mhux biss jissellef mill-ilsna Semin, imma wkoll jibni kliem ġdid fuq binjiet Semitiċi. Madankollu, il-poeta tagħna ma beżax mill-vokabolarju Rumanz. Nistgħu nsemmu ftit: barijiet, kafijiet, toksijiet, stranġier, assurdità, karattru, kontinwu, sinċier, vojt, nerv, ċipress, arja, ikkundannati, kuntent.

Dwar il-bixriet stilistiċi tal-poeżiji ta' Dennis Agius, dan li għidna jidher li hu biżżejjed. Għalhekk nistgħu naraw x'bixriet filosofiċi ninnutaw fil-kontenut ta' l-għana tiegħu.

Għal min hu sajjem għal kollox mix-xjenza filosofika Nisranija u Islamika, il-poeżiji filosofiċi ta' Agius jistgħu jidhrulu oskuri u mdallma. Imma min għandu għall-inqas xi ħjiel ewlieni, ma jridx wisq biex jifhem li l-oskurità ġejja mhux mis-suġġett poetiku, imma mill-komplessità talmoħħ tal-bniedem u s-sitwazzjonijiet li jsib ruħu fihom tul ħajtu.

Dennis Agius, fil-poeżiji tiegħu, jipprova joħroġ minnu nnifsu u hekk jissoġġetta l-personalità tiegħu għal analiżi psikoloġika. Għalhekk igħidilna fil-poeżija *Lil Hinn:*

*u ħriġt minni nnifsi*
*imlejt lili nnifsi*
*fis*
*bid-diq.*

Dan għamlu, skond l-istess poeżija, għax jaf li:

*... meta tara lilek innifsek tara min int*
*u timxi, u timxi 'l hinn*
*għax kos, dik il-linja ta' bla tmiem*
*ma tintemmx.*

Il-bniedem ġej minn bnedmin oħra li nħabbu qablu bla ma hu kien jaf u bla ma hu kien xtaq. Imma mbagħad, bir-rieda tiegħu, ir-raġel iħobb lissieħba ta' ħajtu, u jerġa' jtenni l-istorja ta' l-imħabba u l-bniedem jibqa' jgħix fl-ulied. U l-linja tibqa' miexja.

Meta Agius iħares lejn il-personalità tiegħu, isib li hi komplessa ħafna. Imma hu mhux xi eċċezzjoni. Il-personalità tal-bniedem hi kondizzjonata minn fatturi psikoloġiċi, ereditarji, temperamentali, reliġjużi u soċjali. Hekk, per eżempju, minħabba li kien sar ħaġa waħda maddeżert, jistqarr li anki f'Malta ħass ruħu fl-istess ambjent solitarju. Ara silta mill-poeżija *Il-Hemda* (It-Tieni Taqsima):

*f'Malta*
*ħassejtni waħdieni.*

*mhu qed nisma' lil ħadd*
*donni qisni fid-deżert.*

Is-suġġett tas-solitudni, imnebbaħ mill-ħajja fid-deżert, jitfaċċa kemmil darba fil-poeżija ta' Agius. Hekk, meta jeżamina l-qagħda psikoloġika tiegħu nnifsu fil-poeżija *Jiena*, igħid hekk:

*għaliex inħossni f'din id-dinja waħdi?*
*x'għamilt biex narani waħdi?*
*bniedem jiena,*
*ma nistax ngħix waħdi.*

Il-bniedem jiġi mill-bniedem. Hekk tinbet il-ħtieġa li l-bniedem ma jibqax waħdu.

Aspett ieħor li Dennis Agius jistudja fil-personalità tiegħu hu l-biża'.

Dan insibuh, per eżempju, fil-poeżija *Għandi l-Biża'*, li tibda:

*iva*
*għandi l-biża'.*
*kif infisser dan?*

*intremejt fi ħsiebi,*
*bgħid mill-barrani.*
*ilmaħt lili nnifsi*
*jiena quddiem il-Jien.*
*w issa qed naħseb fil-ġejjieni.*

Il-personalità tal-bniedem hi fi proċess kontinwu. Hi forza dinamika u għalhekk tinbidel billi tevolvi ruħha bil-mod il-mod. Għalhekk jiġri li l-poeta jgħanni:

*u sieħbi*
*l-Jien*
*dejjem miegħi.*
*iżda x'inhu dan il-vojt li jiena nħoss?*
*il-Jien jiċċarrat minni*
*x'għamilt?*

Minbarra l-personalità tiegħu, Agius jeżamina dak kollu li jara ma' dwaru: il-ħolqien b'kull ma fih, u l-azzjonijiet, sew tajbin u sew ħżiena. Hekk, fil-poeżija *Mewt Għamm Baħġât*, igħid:

*twajjeb*
*kien u għadu*
*sebħ lill-Allah ta*
*u għadu jagħti.*
*ma għarafx ħlief*
*il-ħaqq*
*mal-bniedem.*

Għamm Baħġat kien ħabib kbir tal-poeta. Miet ta' tletin sena, imma t-tjieba tiegħu għadha msemmija sal-lum.

Fil-poeżija *Il-Kitarra*, Agius iqegħdilna quddiem għajnejna sitwazzjoni oħra: lejla ta' sirda li fiha jinstemgħu l-għana u d-daqq tal-kitarra:

*smajtha fil-bgħid*
*tindaqq bi ħlewwa*
*fil-lejla tas-sirda*
*il-għanja.*

*u tad-daqqaq;*
*is-swaba' lagħbu mal-kordi*
*il-kitarra.*

Fil-poeżija *Il-Minġel*, imbagħad, imiss diversi attivitajiet tal-bnedmin. U fl-aħħar jagħlaq biex igħid:

*mill-bogħod instemgħet qanpiena,*
*daqqu qajl il-ħdax.*
*baħħ*

*tisma' fil-qrib ħsejjes ta' takkuna*
*itteктek mat-taraġ tal-belt.*
*u nisma' it-tektik bil-mod tal-mewt;*
*taħkem in-nies.*

Agius imiss ukoll il-problema taż-żmien. Alla waħdu għandu l-eternità. Imma l-bniedem jiġi fiż-żmien, ikollu l-futur, il-preżent, u l-imgħoddi, imma mbagħad ikollu wkoll il-perpetwità. Ara silta minn *Jiena:*

*u qal il-bniedem*
*jiena żagħżugħ u aqwa miż-żmien*
*iva, ż-żmien huwa biċċa mill-bla tmiem.*
*ir-raġel hu dik il-biċċa wkoll.*
*u nbeżaq f'dan l-għaddien*
*biex jissokta l-bla tmiem.*

Biex wieħed jifhem u japprezza l-poeżija ta' Dennis Agius, minħabba l-forma u l-kontenut tagħha, hemm bżonn li wieħed jemmen minn qabel fil-kobor tagħha, u fil-messaġġ li fiha. Imbagħad biss ikun jista' jasal biex jiżen it-teknika stilistika li fiha u l-messaġġ filosofiku li għandha twassal.

## UMANITAS

*L-art bir-rogħda, musfara*
*Proċessjoni bla tarf*
*Nemel jew ġrieden, għasafar ġo l-ikħal tas-sema.*
*Atlante taħt l-art*
*Bliet ta' l-imħabba mgħarrqa ġol-baħar.*
*Adam u Eva u wliedhom*
*Nisel bla sliem, proċessjoni ta' erwieħ indannati*
*L-Għajta ta' l-Imgħarrqin:*
*Tellagħna fil-wiċċ u roddilna għal darb'oħra*
*L-ikħal tas-sema miblugħ ġo l-aħdar ta' l-iġbla*
*Sider l-omm li tredda' u trabbi 'l uliedha*
*Misruqa, maħtufa fid-dagħbien*
*Ta' l-ilmijiet – Atlante mgħarrqa*
*Sodoma u Gomorra, maħruqa mill-Allat.*
*Nitolbu għan-nies ta' Atlante,*
*L-iġsma mgħarrqin, sodod maħruqa*
*Fl-ibliet ta' l-imħabba*
*Misjuqa ġol-qigħan tal-Baħar misħut.*

3.iii.72 J. AQUILINA

## TRID TITGĦALLEM

*Trid titgħallem ħafna ħwejjeġ fid-dinja*
*titgħallem tidħaq, titgħallem tibki*
*titgħallem kollox*
*titgħallem timxi mbè qabel tqum fuq riġlejk*
*titgħallem tgħix u tgħajjex, toktor u tkattar*
*titgħallem tinseġ fuq in-newl tal-ħajja*
*titgħallem tixtri u tbigħ,*
*tħaddan u titħaddan,*
*tirfes u tirtifes,*
*titgħallem dak kollu li l-ħajja tnewwillek fuq platt*
*biex tagħżel jew tarmi*
*u fl-aħħarnett*
*titgħallem tmut.*

13.iv.72 J. AQUILINA

## LIL DUN KARM F'QABRU*

*Dun Karm, kif f'ħajtek kellek ħbieb u egħdewwa,*
*F'mewtek għad hawn min jara fik bħal għadu,*
*Dawk li lsien artna dejjem stmellu u bagħdu*
*Weġġgħuk u żebilħuk, merewk fis-sewwa.*
*B'kollox jinqdew, sa bit-tgħajjir u d-dnewwa.*
*Qalgħu xnigħat kefrin, fil-ħama stadu,*
*Biex iħammġuk. Għal ħsiebek qatt ma qagħdu.*
*Int qajla qatt kont tagħdab, kollok ħlewwa.*

*Vassalli u int tmexxuna minn ġol-qabar,*
*Bl-għajta kburija: "Malta tal-Maltin,*
*Maltija mhux bin-nofs, 'ma lkoll kemm hija".*
*Aħn'għadna, bħal fi żmienek, imħalltin.*
*Int u Vassalli titilfux is-sabar.*
*Ir-rebħ jasal ukoll, tintnesa l-ħtija.*

Padua – 10.x.72 J. AQUILINA

*Miktub wara l-korrispondenza dwar il-ktieb DUN KARM U HIDMIETU ta' Guzè Cardona B.A.(Hons.), M.A. u Dun Karm innifsu li dehret fis-Sunday Times of Malta mit-8 ta' Ottubru sad-19 ta' Novembru 1972.

## GWERRA

*Fuq il-fruntiera għajjat suldat lil ħuh*
*Fejn huma wliedna u t-tfajliet ta' dari?*
*Achtung! Hitan ta' l-azzar! Hitan tal-konkrit*
*Katavri ma' l-art iġsma bojod mikxufa ta' nisa u rġiel*
*Mitquba bil-balal, mikula mill-isqra bil-ġuħ.*
*Ejjew naqbdu triq oħra – il-ħajt ta' bejniethom ħajt tal-konkrit*
*Seħ'mna l-mibegħda u l-madmad tas-sid.*
*L-aħħar tfajla li bist – l-aħħar mara li rajt*
*Ġisimha mikxuf mormi fil-widien.*
*Għalina l-gwerra – int ħija jien ħuk*
*L-azzarin fuq spallejna nitgħajru nitbagħdu se noqtlu 'l xulxin*
*Il-Lhudi ta' Betlem priġunier magħluq ġewwa ċella*
*Għada nixkubettjawh*
*Hu u dieħel fuq ħmara*
*F'nofs Pjazza fil-Vjetnam,*
*Fit-Tempju ta' Missieru*
*F'Ġerusalemm.*

J. AQUILINA

## TINĠIŻ

*Ġwinħajn imwaqqgħa, baħar iswed misħut*
*Żaqq baliena miftuħa u mċarrta*
*Roqgħa ta' dmija*
*Fuq wiċċ il-baħar mejjet*
*Gawwi fuq ġwinħajn għajjiena*
*Bil-ġuħ u bil-għatx jixrob*
*L-ilma tan-nixxiegħa*
*Art mimlija katavri*
*Bhejjem u nies, nixfa kullimkien –*
*Ilma iswed – sema iswed*
*Ġmied fuq l-ibliet u waħdu*
*Għaddej l-aħħar bniedem ħaj*
*U fis-sema l-aħħar gawwija twerżaq muġugħa –*
*Għidt, niltaqa' mal-Mewt u nistaqsiha*
*Għaliex l-ilma sar iswed, l-ibliet*
*Iġġemdu u l-bhejjem u n-nies*
*Iġsma bla ħajja katavri u*
*Ntiena kullimkien?*

J. AQUILINA

## IL-JIEN

*Il-Jien kumpless*
*bniedem tal-lum, tal-bieraħ, t'għada –*
*eternità.*
*Kont tfajjel ngħix f'kastell ivorju,*
*moħħ bla ħjiena... f'għajnejk perfett.*
*Fittixtek fil-widien, f'Artalek*
*w is-sigħat għaddejt xewqan għal kliemek ħlejju*
*u kibret fija x-xewqa li nsir nafek.*

*Għarrixt u rajt il-Jien tal-bieraħ...*
*xfafar misnuna ċarrtu għeruq ruħi*
*u daħk satiriku faqqa' sħiħ f'widnejja,*
*daħk ta' mitt elf ġrajja ħanja.*
*Rajt kliemek jitħabbel fl-għanqbut tas-sekli;*
*rajt imħabba, feraġ, ħaqq –*
*xfafar jaqtgħu, nar qerried, mewt ħarxa.*

*Min stqarrek, ittradiek b'imħabba elf darba,*
*mitt Ġuda bil-bews biegħek...*
*Il-Jien hu paradoss, kontradizzjoni.*

*Għaliex ma ħallejtnix moħħ ta' tarbija*
*biex kollox sabiħ jibqa' f'dawl għajnejja?*

*Il-Jien tal-lum...*
*hemm f'wiċċek imbenġel, Kristu mislub,*
*nilmaħ l-umanità fil-wied issofri;*
*fik Alla-Bniedem il-ħażen jixxejjen,*
*jitpatta mill-bniedem bit-tbatija.*
*Hekk f'posthom jaqgħu ġrajjiet il-ħajja:*
*fil-ġmiel, fil-kruha; fil-ferħ, fin-niket.*
*Għalik iż-żmien m'hu xejn: f'għajnejk il-perfezzjoni –*
*ħajja f'evoluzzjoni, metamorfosi;*
*ħajja riesqa minn stat għal ieħor għola,*
*ġlieda fil-ħsieb bejn il-ħażin wit-tajjeb;*
*fid-dlam, fid-dawl*
*riesqa tul triq imwiegħra*
*lejk, l-Omega, it-tmiem.*

*Il-paradoss jinħall... fix-xjenza*
*li l-Jien tal-bieraħ stmerr, fl-istess natura:*
*ilmiet l-ibħra – is-sħab tas-sema,*
*is-silġ fuq il-muntanji;*
*il-lava taħraq – l-art għammiela t'għada;*
*is-sajjetta qerrieda – manna mis-smewwiet;*
*il-mewt – il-ħajja, ċirku mingħajr tmiem...*
*hekk il-Jien t'għada.*

*Il-Jien kumpless...*
*il-bieraħ, illum, għada:*
*kosmonawt riesaq lejk f'eternità*
*bla qatt ma jilħqek.*
*Int Kristu glorjuż,*
*qawwa dinamika li tgħolli r-razz*
*fl-ispazju fil-ġirja lejk: l-Omega.*

*Illum m'għadnix nixtieq li bqajt tarbija;*
*inħossni aktar miexi lejk, insib aktar Sbuħija.*

22.i.73 T. CINI

# IT-TEKNIKA DRAMMATIKA

Ta' Mario Costa

Id-drama mhix arti teatrali u mhix letteratura: id-drama hi taħlita tat-tnejn li tibda fid-dinja tal-istħajjil, fil-logħob tat-tfal u fir-ritwal ta' reliġjonijiet primittivi. Fil-fatt, id-drama dejjem insibulha fiha tifkiriet ta' din l-oriġini ritwalistika primittiva għaliex il-qofol tagħha hi l-imitazzjoni ta' xi azzjoni. Minħabba din l-imitazzjoni, id-drama hi wkoll arti rappreżentativa jew viżwali barra li hi arti letterarja.

Bħala arti letterarja, id-dramm hu ħaġa fittizja maħluqa mill-kliem: il-qofol tiegħu jikkonsisti mill-*plot*, il-*karattri*, u d-*djalogu*. Id-dramm mhux irrakkontat, bħar-rumanz, imma irreċtat u għalhekk m'hemmx l-awtur li jiġi bejn il-ġrajja u l-udjenza. F'dan is-sens ta' preżentazzjoni diretta, id-drama hi arti rappreżentativa. Minħabba li hi arti rappreżentativa, id-drama wieħed għandu jaraha fuq il-palk u mhux biss jaqraha bħala letteratura.

It-test jew il-kopjun tad-dramm waħdu ma jagħmilx id-dramm, imma jrid l-għajnuna tad-direttur li jinterpretah, l-atturi li jaħdmuh, it-teatru fejn jinħadem u mezzi tekniċi bħal mużika u dwal. Minħabba dawn il-fatturi kollha, rappreżentazzjoni ta' dramm ma tkunx bħall-oħra. Ir-rappreżentazzjoni hi influwenzata skond l-interpretazzjoni tad-direttur u l-atturi, li jistgħu jimxu fuq teoriji diversi, ngħidu aħna dik tar-realiżmu ta' Stanislavsky; skond ix-xorta ta' teatru li jinħadem fih jew li jinkiteb għalih, bħal teatru Grieg jew *theatre in the round*; skond l-effetti tekniċi ta' ħsejjes u dwal li jintużaw. Minħabba dawn il-possibilitajiet ta' interpretazzjoni, id-drama hi wkoll arti letterarja għax l-interpretazzjonijiet joħorġu mill-kliem miktub.

Fuq kollox, huwa importanti ħafna għas-suċċess tad-dramm li l-udjenza tagħmel ir-reazzjoni li jrid l-awtur. Fil-fatt, l-udjenza trid tipparteċipa fid-dramm — jew emozzjonalment jew intellettwalment. Id-drammaturgu realista jrid jaqbad l-udjenza b'mod li tinsa li qed tara dramm, titwaħħad emozzjonalment mal-atturi fuq il-palk u tħoss bħalhom. Min-naħa l-oħra, il-kittieb ta' drammi ċerebrali jrid li l-udjenza ma ssirx ħaġa waħda mal-karattri tad-dramm u tinqabad fl-emozzjonijiet tagħhom iżda tibqa' maqtugħa minn dak li qed jiġri fid-dramm, iżżomm f'moħħha li qed tara ġrajja fittizja u b'hekk l-emozzjoni ma tirbaħx l-intellett iżda l-moħħ jibqa' f'tiegħu u kapaċi jargumenta fuq kull ma jara.

DJALOGAR

Id-dramm hu l-aktar drammatiku meta jinqeda bid-djalogar biex joħloq azzjoni u reazzjoni bejn il-persunaġġi fuq il-palk. Din l-azzjoni sseħħ fi sfond ta' żmien u lok li mingħajrhom ma tistax tinftiehem sew. Kien hemm żmien meta ż-żmien u l-lok flimkien mal-azzjoni, kienu jissejħu "it-tliet unitajiet". Din kienet idea falza li ħarġuha bi żball mill-*Poetika* ta' Aristotile. Kittieba tas-seklu sbatax, bħal Corneille u Racine u l-kritika Franċiża ta' żmienhom, kienu jisħqu wisq fuq dawn l-unitajiet, imma Aristotile saħaq biss fuq l-unità tal-azzjoni u dwar l-unità taż-żmien igħid biss li l-poeti traġiċi ta' żmienu kienu jagħlqu ż-żmien li fih tiġri l-ġrajja traġika f'"dawra waħda tax-xemx" u li ta' qabilhom ma kinux jagħmlu hekk. Fuq l-unità tal-lok ma jgħid xejn.

Mid-djalogu l-udjenza mhux biss trid tislet x'qed jiġri fix-xena fuq il-palk, imma ħwejjeġ oħra li jew ikunu qed jiġru barra l-ambjent tax-xena jew ikunu ġraw qabel jew se jiġru. F'*Oedipus Rex*, l-istorja tal-qtil ta' Lajju nsiru nafuha ħafna żmien wara li tiġri u kif Jokasta qatlet ruħha b'idejha barra x-xena nsiru nafuh minn kliem il-messaġġier. X'se jiġri minn Epidu jgħidulna l-bassar Tireżja. Saħansitra fi dramm bi djalogu wieħed, nistgħu nsiru nafu ġrajja sħiħa ta' dak li ġara qabel. Fid-dramm qasir *The Stronger* ta' Strindberg għandna żewġ nisa li waħda minnhom biss titkellem, imma minn kliemha toħroġ b'qawwa l-ġrajja ta' għira li t-tnejn kellhom għal xulxin minħabba li kienu jħobbu l-istess raġel. Fit-teatru Malti għandna *Erwieħ Marbuta* ta' Ġużè Diacono li fiha nsiru nafu x'qed jiġri minn Taras, li qatt ma jidher fuq il-palk, permezz ta' kliem Anja u karattri oħra, u l-kliem li hu jgħajjat minn barra l-palk. Fi *Bwani* ta' Francis Ebejer, dak li jiġri fl-Afrika nsiru nafuh permezz tal-ittri li jinqraw fix-xena minn Klara. Sa ċertu punt, insiru nafu x'se jiġri minn dak li jgħid Marċell fuq il-ktieb li kiteb. *Is-Sejħa ta' Sarid* toffri eżempju tajjeb ta' dramm li fih nitgħallmu dwar x'ġara qabel fil-ġrajja ta' mħabba bejn omm Tessa u Fernand. Għandna wkoll *Il-Barrani* ta' Erin Serracino Inglott fejn il-ġrajja tal-qtil ta' missier il-Barrani jgħidhielna l-Barrani nnifsu fi kliemu. Imbagħad f'*Arbli fuq il-Bjut* ta' Ġużè Aquilina nkunu infurmati dwar il-progress tar-rivoluzzjoni u l-kontro-rivoluzzjoni permezz ta' *newsflashes* fuq ir-*Rediffusion*.

Imma fid-dramm, l-aktar dak modern li jagħfas fuq il-psikoloġija tal-karattri, irridu wkoll insiru nafu x'inhu għaddej fil-ġewwieni ta' moħħ il-persunaġġi. F'xi drammi klassiċi nsibu t-teknika tas-solilokwiju fejn il-persunaġġ jitkellem waħdu fuq il-problemi tiegħu. Eżempju li jafu kulħadd hu s-solilokwiju ta' Hamlet li jibda "To be or not to be". Fit-teatru modern, fejn indaħal l-użu ta' tagħmir tekniku, insibu *Krapp's Last Tape*

ta' Samuel Beckett li fih il-persunaġġ waħdieni jitkellem miegħu nnifsu għax leħnu jkun irrekordjat fuq *tape* magħmul tletin sena qabel: hemm jara x'tibdil għadda minnu f'dan iż-żmien. Fl-att uniku ta' Diacono *Ir-Raġel li Kienet Tħobb* insibu lil Pawlina titkellem waħedha mal-mejjet u b'hekk insiru nafu x'inhu għaddej minn moħħha.

Teknika oħra kif l-awtur juri s-subkonxju tal-persunaġġ hi dik li juri fuq il-palk xi ħolma li joħlom. Eżempju tajjeb mill-letteratura Maltija hu *L-Ewwel Jien* ta' Diacono fejn Victor joħlom ħolma li fiha ippretenda li ommu titlaq il-ħajja ta' divertiment li hi issimboliżżata minn felli dul-liegħ u tmur tgħinu fil-problemi tiegħu, issimboliżżati minn rasu mwaħħla fis-siġġu li Vella jkompli jdeffishielu hemm, ħaġa li turi li Victor kien jaħseb li l-problemi tiegħu kienu ikkaġunati minnu.

Id-djalogu, minħabba l-importanza kbira tiegħu, insibulu tekniki diversi tul iż-żmien u t-tibdil ta' stili drammatiċi. Fit-teatru traġiku Grieg kien jikkonsisti f'battuti aktarx twal, poetiċi għall-aħħar u f'lingwaġġ kollu lwien u xinxilli li kellu jkun deklamat u kważi kantat. Fi żmien Shakespeare dan ftit kien tbiddel u d-djalogar kien fil-parti l-kbira po-eżija. Biż-żmien beda jsir aktar naturali u prożajku. Żmien qabel il-miġja tar-realiżmu ta' Ibsen, insibu djalogar ħaj u naturali ħafna fil-kummiedji bħal dawk ta' Carlo Goldoni, ngħidu aħna *La Locandiera* u *La Bottega del Caffè*. Ix-xejriet moderni, l-aktar wara l-bidu tar-realiżmu, huma lejn djalogar f'battuti aktarx qosra u naturali jew realistiċi. Eżempju ta' djalogar fi stil klassiku fil-Malti għandna *Il-Barrani* u *Ir-Raħeb* ta' Ser-racino Inglott u *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Ninu Cremona. Djalogar realisti-ku nsibuh fid-drammi ta' Ġużè Chetcuti bħal *Il-Kerrejja* u *Imħuħ Morda*, f'*Ċens Perpetwu* ta' Oreste Calleja u d-drammi ta' Diacono li fl-att uniku *Salib Ħaddieħor* introduċa t-teknika ta' żewġ djalogi għaddejja fl-istess waqt — ħaġa li fil-ħajja tiġri tassew u għalhekk tagħti lid-dramm xeħta aktar realistika.

Għidna li fl-imgħoddi d-drammaturgi ma kinux jinqdew ħlief bil-versi tat-traġedja. Imma anki meta l-kummiedja bdiet tinkiteb fi proża, il-forma tal-proża kienet stilizzata u konvenzjonali. Għalhekk kemm il-versi tra-ġiċi u kemm il-proża komika ma kinux jixbhu l-kliem ta' kuljum li wara sar l-ideal tar-realisti.

Bla dubju, dramm li jiżvolġi ruħu f'atmosfera familjari u kontemporanja u li l-persunaġġi tiegħu jġibu ruħhom bħal nies tassew irid persunaġġi li jitkellmu b'mod verusimili u mhux b'mod letterarju jew artifiċjali. F'sit-wazzjonijiet komuni u bla emozzjoni rappreżentati fuq il-palk, dan hu floku għalkemm mhux interessanti. Imma meta d-drama għandha tkun arti emozzjonali, il-kliem li nitkellmu ta' kuljum ma jasalx biex ifisser sew

tqanqiliet qawwija. Fil-ħajja, meta wieħed ikun imqanqal ħafna, bosta drabi, jsib ruħu mbikkem. Imma fuq il-palk l-attur ma jistax joqgħod żmien twil bla ma jitkellem. Minħabba f'hekk, ħafna xeni ta' tqanqil issibilhom djalogar maqtugħ u maħtuf li xi drabi jinħass artifiċjali għall-aħħar.

Għal din ir-raġuni, fi żminijiet riċenti kien hemm min reġa' beda jinqeda bil-versi għall-kitba tad-drammi għax bil-poeżija wieħed jista' jasal biex ifisser tqanqil li ma jitfissirx bil-proża. Fost dawn il-kittieba nsemmu lil T.S. Eliot f'*Murder in the Cathedral* u *The Cocktail Party* u lil Christopher Fry f'*The Lady's Not for Burning* u *A Yard of Sun*. Fil-letteratura Maltija, id-drammi miktubin f'versi, bħal *Katerina* ta' Luigi Rosato, *Il-Barrani* u *Ir-Raheb* ta' Serracino Inglott u *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Cremona, huma kollha ta' xeħta klassika-romantika u s'issa ma rajna ebda attentat ta' dramm fuq linji moderni miktub f'versi.

## IL-BINJA TAL-KARATTRI

Il-binja tal-karattri hija element importanti ħafna fid-drama. Il-karattru tal-persunaġġ irid joħroġ mill-azzjoni li jwettaq u mid-djalogu. Dwar il-karattri, id-drammaturgu ma jistax jagħmel kumment dirett biex ipinġihom iżjed reali, kif jagħmel ir-rumanzier, imma hu għandu l-vantaġġ li l-persunaġġi tiegħu se jidhru fuq il-palk taħt il-forma tal-atturi tad-demm u l-laħam. Madankollu, f'xi drammi soċjali li jridu jippreżentaw xi teżi, il-karatterizzazzjoni hija meqjusa inqas importanti mill-istess teżi. Dan ngħiduh għad-drammi ta' George Bernard Shaw u għad-drammi ta' Ġużè Aquilina li, bħal ta' Shaw, iridu jagħmlu xi propaganda soċjali u għalhekk Aquilina hu aktar interessat li jressqilna din il-propaganda milli li jpinġilna karattri mqaxxrin tajjeb u individwalizzati. Il-karattri ta' Aquilina mhumiex ħlief għodda f'idejn l-awtur biex iwasslilna t-teżi soċjali tiegħu u mhumiex huma li jitkellmu imma l-awtur innifsu.

Fid-dramm klassiku, ħafna persunaġġi kienu jridu juru eroiżmu jew nobbiltà ta' karattru. Antigone, il-karattru ta' Sofolke, turi n-nobbiltà tagħha b'għemilha meta tidfen lil ħuha kontra l-liġi tal-pajjiż. Nuqqas ta' azzjoni minn Hamlet, fil-bidu tad-dramm, turi l-karattru ta' prokrastinazzjoni li kellu imma t-taqbida li għandu fl-aħħar tad-dramm temfasizza d-drammatiċità tad-deċiżjoni tiegħu u ssawru eroj.

Karatterestika tad-dramm klassiku u romantiku hi li l-karattri ma jitbiddlux jew jiżviluppaw tul id-dramm. Barra dan, il-karattri huma jew ħżiena jew tajbin u m'hemmx triq tan-nofs. Għalhekk mhux ta' b'xejn li meta Ibsen ħareġ b'*The Wild Duck* l-udjenza tħawdet għax f'dan id-dramm

ma jispikkax il-karattru ħażin għal kollox jew l-eroj. Il-persunaġġ li jġib it-traġedja f'dan id-dramm hu wieħed sinċier li jwettaq għemilu b'intenzjoni tajba. Dan il-ħolqien ta' karattru fit-triq tan-nofs hu konsistenti mar-realiżmu li jrid joħloq karattri tassew umani, karattri kif insibuhom fil-ħajja flok l-eroj glorjużi inkella l-viljakki bla qalb għal kollox u dejjem. Eroj fuq stil klassiku bħal Edipu u Antigone fil-letteratura Maltija nsibu Il-Barrani, Safja u Ir-Raheb ta' Serracino Inglott u Rożi ta' Cremona f'*Il-Fidwa tal-Bdiewa*. Bħala karattri naturali u realistiċi ta' min isemmi uħud minn dawk ta' *Il-Kerrejja* ta' Ġużè Chetcuti, ħafna mill-karattri ta' Diacono u dawk ta' Oreste Calleja fid-dramm realista waħdieni li għandu mxandar s'issa, jiġifieri *Ċens Perpetwu*. Il-karattru komiku jinstab fil-letteratura tal-ilsna kollha, għalkemm ftit insibuh fit-teatru Malti. Karattri komiċi niltaqgħu magħhom fis-satira ta' Aristofane *L-Agħsafar*, fil-kummiedji ta' Shakespeare u ta' Goldoni u bosta awturi oħrajn. Fit-teatru Malti nistgħu nqisu bħala karattru komiku lil Totinu f'*Imħuħ Morda* ta' Chetcuti u lil Tuteppi f'*L-Għarusa* ta' Diacono. Karattri komiċi imma fl-istess ħin allegoriċi jew satiriċi huma dawk ta' *Ix-Xorrti ta' Mamżell* ta' Ebejer u *Satira* ta' Calleja.

Iżda għalkemm il-karattru komiku fit-teatru Malti ftit insibuh, niltaqgħu miegħu ta' spiss fit-teatrin li nistgħu nqisuh bħala fergħa tat-teatru. It-teatrin, minkejja li ma nistgħux inqisuh bħala drama letterarja, naħseb li kellu sehem importanti fl-iżvilupp tat-teatru Malti, speċjalment meta nqisu li fit-teatri Maltin, qabel ma l-kitba bil-Malti ħadet sew, dan kien l-uniku tip ta' drama li kien jinħadem. Nistgħu ngħidu wkoll li bħala palk dan laħaq popolarità wisq akbar minn tad-drammi tassew letterarji. L-ewwel dramm ta' xeħta letterarja ġmielha kien *Katerina* ta' Rosato, l-ewwel dramm bil-Malti li nħadem fil-*Manoel* fis-16 ta' Lulju, 1838. Wara, dan id-dramm, miktub bi stil klassiku-romantiku, bil-vers tal-ħdax, sar magħruf bħala *Ix-Xbejba tar-Rdum* u nħadem bosta drabi. Rodato ħareġ dan id-dramm fi ktejjeb u jidher li minnu ddakkru ħafna kittieba Maltin li bdew huma wkoll, tul żmien twil wara, ixandru d-drammi tat-teatrin, l-aktar il-fares, li ħafna minnhom kienu jkunu traduzzjonijiet. Il-karattri ta' dawn id-drammi melodrammatiċi jew farseski kien ikollhom l-ismijiet tekniċi tagħhom – li juri li kienu sterjotopati u ma jitbiddlux, bħal tar-Romantiċiżmu. Hekk, barra l-karattru komiku (imma mhux buffu) imsejjaħ il-*Brillant*, insibu l-parti tal-*Amoruż*, jiġifieri l-maħbub, il-*Mamm*, karattru aktarx imdaħħal fiż-żmien li jdaħħak għax baħnan, ix-*Xlokk*, li jdaħħak bil-bluhat u l-*Ġeneriku* li kien karattru konvenjenti ħafna bid-dmir li jlablab biex itawwal iż-żmien.

*It-Traġedja:* id-definizzjoni fondamentali ta' traġedja hija l-ġrajja ta' bniedem ta' ġieh li mill-hena jgħaddi għal tmiem ikrah u ta' dwejjaq. Dan mhux biżżejjed u ħafna drabi fit-traġedja nsibu l-qtil bħala l-element ewlieni. Dan ngħiduh għal *Hamlet, Saul, Oedipus Rex, Il-Barrani* u oħrajn. Il-ġrajjiet koroh u l-preokkupazzjoni bil-mewt huma s-sinsla tat-traġedja. Dawn il-ġrajjiet mhumiex dawk li jiġru ta' kuljum, għalkemm dan ma jiskoraġġix lil ħafna biex jaraw rifless tagħhom in[c]ushom f'Hamelt u bosta karattri oħrajn. Dawn huma ġrajjiet storiċi u dan jisħqu ħafna fuqu dawk li jimxu wara Aristotile li fil-*Poetika* qal li l-ġrajjiet mhux tas-soltu ippreżentati fid-drammi aktar jolqtu l-udjenza jekk jintwerew bħala rappreżentazzjonijiet teatrali ta' fatti li ġraw tassew flok bħala ġrajjiet mistħajla.

Il-konflitt li jwassal għat-traġedja jiġi wara l-ħtija jew l-iżball. Minn hekk kittieba ta' wara Aristotile waslu għall-kunċett tal-ġustizzja poetika. Marbut ukoll ma' dan il-punt insibu l-kunċett wisq importanti tal-katarsi jew tisfija mill-ħtija; dan jinħtieġ studju għalih waħdu li hawn m'hawnx spazju għalih. Il-ġrajja tat-traġedja tagħqad fuq persunaġġ ewlieni bħal Hamlet, Saul, Edipu u Il-Barrani. Dawn il-persunaġġi kollha għandhom element ta' kobor u huma slaten jew prinċpijiet. Il-fil tat-traġedja mhux soċjali, bħal tal-kummiedja, imma reliġjuż għax iqiegħed il-bniedem f'konflitt mal-infinit.

Għodda importanti użata fit-traġedja klassika kienet dik tal-kor illi kien jirrappreżenta l-poplu u kien jagħmel il-kummenti tiegħu fuq il-ġrajja tad-dramm. Il-kor isib l-oriġini tiegħu fir-ritwal primittivii li ħarġet minnhom id-drama. Fit-teatru Malti nsibu kor bħal dan f'*Il-Barrani* u *Ir-Raħeb* ta' Serracino Inglott.

*Il-Kummiedja:* it-taqsima ewlenija l-oħra tad-drama hi l-kummiedja. Il-karattri tal-kummiedja mhumiex slaten imma nies ta' livell nofsani jew baxx, kif jidher sew, ngħidu aħna, fid-drammi ta' Sofolke, Shakespeare u Goldoni. Fil-letteratura Maltija karattri bħal dawn insibuhom fil-kummiedja soċjali ta' Aquilina.

L-ambjent tal-ġrajja aktarx ma jkunx maħluq fuq sfond mhux reali imma f'atmosfera familjari. Għalhekk il-kummiedja tidher aktar reali għax il-karattri jitqiegħdu f'ambjent soċjali u aktarx kontemporanju. Il-kummiedja, mela, kważi dejjem tittratta fuq is-soċjetà u għalhekk twettaq l-għan tagħha billi ttella' fuq il-palk rappreżentanti tas-soċjetà umana li l-udjenza malajr tagħraf bħala rappreżentanti tagħha. Dan japplika għall-kummiedji soċjali ta' Aquilina bħal *L-Inkwiet tas-Sur Martin, L-Għira* u *Iż-Żewġ Miżżewġin.*

Karatterisitka fil-plot tal-kummiedja hija l-imħabba u bosta kummiedji jintemmu biż-żwieġ. Fit-traġedja l-imħabba mhux soltu tkun il-punt ewlieni għax dan ikun il-mewt. Waqt li t-traġedja iġġibilna bniedem hieni li fl-aħħar igħaddi għan-niket u l-mewt, il-kummiedja tressqilna nies f'sitwazzjoni mħawda u fit-tmiem kollox jispiċċa b'wiċċ il-ġid.

L-isem stess tal-kummiedja hu aktar imlewwem minn tat-traġedja, ngħidu aħna, *As You Like It, La Bottega del Caffe, L-Agħsafar, L-Inkwiet tas-Sur Martin* u *Ix-Xorti ta' Mamzell.* L-isem tat-traġedja aktarx iġib isem il-protagonista li madwaru tinbena l-ġrajja, bħal *Antigone, King Lear, Filippo, Ir-Raheb* u *Il-Barrani.*

*Il-Melodrama:* Għalkemm il-melodrama hu ftit wisq jew xejn letterarju, xorta waħda nistgħu nqisuh bħala fergħa tad-drama. Il-melodrama jipprova jqajjem tqanqiliet ta' traġedja fuq ġrajjiet mhux traġiċi biżżejjed. Dan isir billi kollox jiġi mkabbar u esaġerat. In-nisġa tad-dramm hija kruda u l-karattri mhumiex żviluppati. It-tqanqiliet li tħoss l-udjenza huma, għalhekk, artifiċjali minkejja l-għajat ta' parteċipazzjoni bħal "ja bhima", "assassin" jew "ja qalbek ħadra". Hawn Malta l-melodramm kien jiġbdu ħafna l-poplu u nsibu ħafna melodrammi oriġinali miktuba minn awturi bħal Toni Dougall jew oħrajn maqluba mit-Taljan bħal dawk ta' Mikielanġ Borg.

*Il-Farsa:* Il-farsa hi wkoll palk mhux letterarju u fih ma nistennewx xi battuti li jdaħħku bl-intelliġenza tagħhom iżda azzjonijiet burleski bħal nies jissuttaw lil xulxin bil-pasti u ħwejjeġ bħal dawn. L-istħajjil tal-udjenza m'għandux għalfejn jimrah lil hinn minn dak li jiġri fuq il-palk. Kollox hu esaġerat u impossibbli biex idaħħak l-udjenza l-ħin kollu. Il-farsa kienet dejjem popolari fit-teatrin Malti u nsibu ħafna kitba oriġinali jew traduzzjonijiet ta' awturi bħal Toni Dougall, M.A. Borg u m'ilux wisq Charles Clews.

# ŻEWĠ BIĊĊIET PROŻA TA' RUŻAR BRIFFA

LIL Rużar Briffa lkoll nafuh sew bħala poeta liriku kbir fil-letteratura Maltija, imma ftit nafuh bħala kittieb tal-proża, l-aktar b'ilsna oħra. Hawn qed inġibu, bla kummenti xejn, żewġ *essays* tiegħu, wieħed bl-Ingliż u wieħed bit-Taljan. *Modern Progress* deher fl-ewwel ħarġa tal-*Athenaeum Melitense* (Vol. 1, nru. 1, Marzu, 1926) u *Due Commedie di Carlo Magri Maltese* fit-tieni ħarġa tal-istess perjodiku (Vol. 1, nru. 2, Ġunju, 1926). Dawn il-kitbiet qed inġibuhom f'*Leħen il-Malti* għax naħsbu li ftit hawn min jaf bihom minħabba li ħarġiet tal-*Athenaeum Melitense* saru xi ftit rari u l-kopji li għandha l-Università ingħataw ġentilment minn Dr. Edward Sammut.

## MODERN PROGRESS

By ROSARIO BRIFFA

THE world is ever changing, and the whole history of the human race is in fact one record of how each age has improved on the one before it. This steady change, this evolution, has made our world a much better place in which to live than it was in the past. If a man of the past rose from his tomb and witnessed the world of to-day he would be rather sorry for not having been born in a later age.

From the day that the mind began at last to assume some supremacy over brute force, Life, if not altogether enjoyable is slowly but surely being made comfortable. Society has become less cruel to its own members. The lust for blood, the cruel instinct of semi-civilised man, has diminished. Wars are becoming less frequent and are no longer regarded as a sacred means to obtain an end. The scaffold has ceased to exist in many places, and in others it is less frequently erected; the stake has been torn up, the faggot quenched, and the rack and the wheel banished from the so-called codes of justice.

All this is happening because knowledge is no longer an exclusive monopoly in the hands of a very limited few. The number of those who, ceasing to live mere animal life come to have their share in the intellectual life and to find joy and inspiration in the things of the mind, is continually increasing. If many are still ignorant, yet a respect for education and a desire for its acquisition are to be found throughout the whole civilised world. Such increase in the number of educated men has led to an extension of Human Liberty.

Man has become the true master of the world. Time and space are no

longer invincible drawbacks since to-day minutes produce the labours of days, and space has been almost annihilated by the invention of aeroplanes. The freedom of man, as dreamt by the ancient poets, has now been realised. The air, the sea and the earth have been all but subjected to his will by new mechanical inventions which have also made him master of the powers of Nature.

The human mind is now every-where in action, changing the world and adapting it to man's needs. By systematic knowledge it has led to the advancement of science in all its forms. In this way the blessings of physical existence to man, have been much multiplied. Many maladies have been cured and the pains of others very much lessened. That famous line of Shelley has become the motto of Science. 'I wish no living thing to suffer pain'. Many maladies are still to be cured, but the poor sufferer need not despair of making himself heard amongst the 'madding crowd'. Bodily strength is no longer regarded as a criterion of supremacy. He who has the best intelligence let him show it: he shall be heard and he shall lead.

The supremacy that is now given to the mind over the body, has also led to a change in man's moral beliefs. The man of to-day is more Christian than the man of yesterday. To him God is a kind Father and not a powerful Being to whom respect must be paid because of His power. With a greater knowledge of all that concerns spiritual things man has become less superstitious.

Perhaps this moral change of man is, by itself, enough to justify all the changes that have happened in the world since its creation.

## DUE COMMEDIE DI CARLO MAGRI MALTESE (16.. -1693)

Di ROSARIO BRIFFA

LA nostra tradizione letteraria italiana, fatta eccezione per il cinquecentista Leonardo Abela, si può dire che abbia avuto il suo pieno sviluppo nel Seicento. A ciò giovò in gran parte il mecenatismo dei Cavalieri di Malta, specialmente di quelli italiani. Gli eruditi maltesi, volendo farsi strada nell'Ordine, si diedero specialmente a scrivere storia; ci fa quindi non poca maraviglia il trovare che un nostro scrittore, erudito per giunta, si dedicasse ad un genere letterario poco o niente coltivato dai suoi connazionali: la commedia.

Costui fu Carlo Magri, fratello di quel Domenico, teologo della cattedrale di Viterbo, del quale si sta ripubblicando il noto *Viaggio al Monte Libano* nel periodico 'Malta Letteraria'. Non sappiamo la data della sua nascita; ma siamo certi che egli era più giovane di Domenico, nato nel 1604. Ebbe la sua prima educazione presso i Gesuiti di Malta e compì gli studi a Roma, ove fu fatto protonotario apostolico e prefetto della Biblioteca Alessandrina. Dovette però abbandonare la sua brillante carriera, sembra per causa della vista, e ritornò a Malta, dove venne nominato arciprete della Cattedrale di Gozo. Morì nel 1693.

In italiano il Magri scrisse, oltre le commedie di cui parleremo più giù, due altri lavori, dei quali uno, *Il valore maltese* difeso contro le calunnie di Girolamo Brusoni, venne pubblicato in Roma (Pragonelli 1667), l'altro, il cosi detto *Zibaldone originale*, giace manoscritto nella nostra Biblioteca (Ms. CCXLIX).

Del primo lavoro il Prof. G.A. Vassallo nel periodico 'L'Arte' parla cosi: 'Aveva questo (G. Brusoni) scritto un palmo di storia (1625-60), nella quale parlando d'alcuna impresa navale de' Cavalieri di San Giovanni, ne dimostrò qualche disapprovazione. Punto troppo al vivo non aveva il Brusoni; ma quei tempi un colpo di penna era una stoccata. Se n'erano infatti adontati e Cavalieri e Maltesi, ed ecco il Magri a difendere il comun valore.'[1]

Lo Zibaldone, scritto in pessima calligrafia difficilmente leggibile, è una specie di scartafaccio nel quale il Magri registrava, per ordine alfabetico, cose da lui lette e credute di qualche importanza per i suoi studii.

* * *

Le commedie del nostro Magri sono due: *Chi la dura la vince, ossia la Teodolinda,* e *La Reggia è un sogno, ovvero la Costanza.*

Nella prima, Elmondo, figlio del re di Sardegna, s'innamora di Narcissa, damigella di sua madre, e fugge con lei dalla reggia paterna. A quel tempo regnava in Milano Arnolfo, re d'Italia. Presso costui si recano Elmondo e Narcissa e, per sfuggire a qualsiasi riconoscimento, si vestono uno da donna e l'altra da maschio, assumendo Elmondo il nome di Albertina e Narcissa quello di Lamberto. Non trovano però un asilo troppo pacifico nella reggia di Arnolfo, perchè Teodolinda, presunta sorella di costui, diventa gelosa di Albertina (Elmondo), credendola l'amante di suo fratello, e Arnolfo alla sua volta diventa geloso di Lamberto (Narcissa). La Balia, incaricata da Teodolinda di allontanare dal-

[1] 'L'Arte', Anno I, no. 23, p. 5.

la corte Albertina e di unire lei col fratello che ama, riconosce i due paggi travestiti e, mentre informa il re di ciò ecco messi dalla Regina di Sardegna che mostrano Elmondo e Narcissa essere cugini, ed essere Elmondo fratello di Arnolfo e Narcissa sorella di Teodolinda. In questo modo Arnolfo può sposare Teodolinda ed Elmondo la sua Narcissa.

Questa commedia ha una notevole affinità con *I Fuggitivi Amanti* di Prospero Bonarelli, la quale si fonda sul travestimento del giovane Erminio. Costui, sotto il nome di Laurinda, entra come cameriera in casa di Delia, la quale s'innamora di lui credendolo una donna. L'intreccio s'avviluppa pel contemporaneo travestimento di Lidia, amante di Erminio. Ma tale affinità non è indizio sicuro che la commedia del Bonarelli sia la fonte della commedia del Magri, perchè tali azioni erano comuni ai commediografi del secolo.

Nella commedia del Magri abbiamo due maschere veramente simpatiche: il servo napoletano Broccolo e la Balia. Come maschere non sono certamente invenzioni del Magri; già dal Cinquecento le troviamo in molte commedie, ma in *Chi la dura la vince* esse sono dipinte con tale vivacità che anche oggi piacciono.

Ah! quel Broccolo come è furbo! Ama il padrone, e come! ma – e chi gli dà torto? – ama assai più la sua pelle. No, Milano non gli va a genio, essendo ivi insultato ora da questo ora da quello, e tutta ciò per aver la lingua un po' troppo lunga. Ma in compenso come è vivace la sua lingua, come suona grazioso sulla sua bocca il dialetto napoletano! un dialetto corretto, brioso, non affettato. Ne volete una prova? Eccola.

BALIA – Non lo so già intendere, ha un certo parlar cosi goffo, mi pare però che vaneggi. Deve essere ubriaco al certo. Serva sua Signor Broccolo bello galante.

BROCCOLO – O Signora Balia vaso la mano de V.S. e ve ringrazio de stò bello saluto che m'avete fatto, con chiamarme bello, e polito, e sulo per chisto bello giudizio che tu hai, te voglio assai bene; e sacce che a Napule, haggio fatto impazzire lo munno co la bellezza e pulizia mia... e sò stato per chesto fine amato da le chiù belle Dame de lo munno.

In dialetto napoletano, anche, troviamo una graziosa canzonetta d'amore che Broccolo canta alla Balia. Non sappiamo però se sia opera originale del Magri, o se egli l'abbia colta dalla bocca del popolo. Certo è così bella che vogliamo trascriverla:

Chisse belle capille spampanate,
  Che quinci, e linci a chessa faccia tiene,
  Nò sò capille, nò, mà sò catene
  Che legano l'amante sbentorate.

Ed io da quanno vinni a sta cetate
  Tanto t'amai e vuozi tanto bene,
  Che'n cuorpo sento chelle brutte pene
  Che patono a' lo' nfemo li dannate.

Però haggi di me compassione
  Levame te prego da sto martoro *(sic!)*
  Con darmi, Berta mia, qualche restoro.

Bella, eh? Altro che secentismo!

E la Balia?... La canzonetta non le piace; il che non le darebbe il diritto di imitare quel demonio dantesco che fece trombetta di un tal luogo. Che volete? Era una balia, o meglio un po' di tutto! Era anche un pochino brontolona e non aveva simpatia per le giovinette: 'son zitelle d'oggidì che nascono sì arrabbiate, che finiti gli undici anni, buona notte, subito andar vorrebbero a marito.' Il peggio era che il marito lo doveva trovare lei, proprio lei che ne era priva! Peccato che il Magri non abbia infuso una parte di questa naturalezza nei dialoghi e nei soliloqui dei personaggi principali! Ecco come parla Arnolfo, quando s'accorge che sta per cadere nella rete tesagli dalla sorella, che lo ama. 'Ma ohimè, ove incauto Arnolfo, lusingato precipitar ti lasciasti? Tu che dal quieto e limpido Arno, il nome prendesti, così intorbidar ed alla rovina precipitar ti lasci... Tu, perchè delle sciocchezze dello effeminato Alcide imitator, nelle fiamme sì furiosamente e volontariamente t'abbagli?' Non sembra che Arnolfo prenda le cose sul serio!...

Nella seconda commedia, *La reggia è un sogno,* Riccardo, principe di Sardegna, viene a congratularsi con Aldoino, nuovo re di Maiorca, e gli promette in isposa la sorella Adelaide, mentre alla sua volta il principe sardo deve sposare Costanza, sorella del re maiorchino. Or Adelaide, viaggiando per Maiorca, viene colta da una tempesta, fa naufragio e si salva a stento sulla costa del regno del futuro sposo. Ivi trova un goffo villano vestito da re e, credendolo lo sposo, si pente di aver lasciato la patria e decide di non svelarsi. Intanto Costanza viene accusata di un turpe delitto da un cortigiano che ella ha respinto, e, secondo la legge del paese, deve essere sepolta viva. Riccardo si veste da sacerdote e va ad interrogarla intorno al delitto; ma, trovatala innocente, accetta di

battersi per lei in un torneo e vince. Così Costanza può riprendere la libertà; ma quando Riccardo le si presenta a chiederle la mano non vuol sapere di lui. Allora egli le si svela come il cavaliere che ha combattuto per lei. Adelaide alla sua volta viene a conoscere il suo errore, e le due coppie possono unirsi in matrimonio felicemente.

L'azione di questa commedia è diciamo così, più originale di quella della prima, ma è trattata pesantemente. La lingua è fredda, preziosa, vaga, i soliloqui frequenti, le declamazioni comunissime. Anche qui, come nell'altra commedia, i personaggi principali non destano alcun interesse. Ecco come parla del suo amore Aldoino:

'O Adelaide che, per goderti ben presto, i momenti anni, e i giorni secoli sembranmi, affinchè se le tue bellezze con morti colori effigiate, spirante mi resero, non dispererò già, che nelle tue fattezze vive e leggiadre io non m'abbia a rivivere...'

Questa maniera affettata di parlare si trova anche in molti altri dialoghi. Riccardo e Costanza così si dichiarano il loro amore.

RICC....sino l'ultimo mio respiro, qui fisso mi fermerò ad adorarti.

COST....ed io sino l'ultimo mio fiato ad incenerirmi nel vostro ardore sempre immobile starò.

Certamente qui siamo in pieno secentismo. Tra i personaggi secondari merita di essere ricordato il Pedante, la sola maschera che si trovi in questa commedia. Costui è un po' filosofo – se filosofi si possono chiamare quelli la cui sola occupazione è di dir parole vane e pompose – ed un po' cortigiano. Il poveretto deve anche fare il buffone, per allontanare la noia dal re, il quale è di natura malinconico. Ma il sorriso esce languido in quei giri di parole, in quei sofismi poco originali, in quei ghiribizzi miranti a dimostrare che 'la reggia è un sogno'.

* * *

Il nostro Magri scrisse le due commedie menzionate a Roma. Il Ciantar nelle sue addizioni alla *Malta Illustrata* dell'Abela, di queste commedie non fa nessuna menzione. G.A. Vassallo, professore di Letteratura Italiana alla nostra Università, parlando delle opere del Magri nel periodico l'*Arte* menziona solo la prima di tali commedie, che venne pubblicata a Ronciglione nel 1674 e dedicata alla Duchessa D.A. Maria Albertini Strozzi. Una copia a stampa di essa è conservata nella nostra Biblioteca nella Misc. CXXIX.

Dell'altra commedia, *La Reggia è un sogno,* nessun biografo del Mag-

ri sembra aver fatto menzione. A noi venne indicata dal Prof. V. Laurenza nel Ms XXII della nostra Biblioteca, non autografo. È dedicata al Gran Maestro Niccolò Cottoner. A piè del frontespizio si legge: 'In Viterbo, per il Martinelli, con licenza de' superiori'; il che ci fa pensare che anch'essa sia stata pubblicata o almeno preparata per la pubblicazione.

In tutte e due le commedie l'autore è designato col nome anagrammatico di Marco Largi, Maltese. L'epiteto di maltese, del resto, si trova costantemente nelle opere dei fratelli Magri.

Queste due commedie hanno una notevole importanza per lo studio della Letteratura Italiana in Malta, perchè mostrano una certa maturità di pensiero e di espressione che raramente si trova in altri scrittori maltesi del Seicento. Si sa bene quale era la sorte della commedia erudita in quel secolo. Il pubblico non ne voleva sapere; preferiva l'altra, la commedia dell'arte o a soggetto, che gli offriva scene ridicole e lazzi volgari. La commedia letteraria, per rendersi piacevole si rifece lasciva, si servì, per destar interesse, di innumerevoli ritrovamenti e riconoscimenti, infine diventò quel che più tardi i francesi chiamarono 'pochade'. Ma mentre la 'pochade' può piacere per la vivacità dell'azione, la commedia letteraria presentazioni freddissime. 'Poggiano sempre sui servi, sui naufragi. L'inutilità delle scene, i soliloqui, le sfrontatezze delle serve e dei parassiti *m'annoiano*... Tutto è affettazione. E quando la frase comica è languida, non ferisce, non punge, io *m'irrito* in tal modo che straccerei tutte le commedie'. Cosi giudicava fin d'allora G.C. Capaccio; e il Belloni, confermando dopo tre secoli tale giudizio, dice: 'Tutto ciò che nelle commedie... può interessare, cioè gl'intrecci e i personaggi, tutto si ritrova pure nei canovacci della commedia improvvisa; quel che di letterario vi misero gli autori, cioè lingua e stile, ha pregi limitatissimi, se pure ne ha; è una prosa inelegante, spesso scorretta, che con quelle sue goffaggini, que' suoi ghirigori, e quelle sue scipite banalità, quelle sue insulse arguzie, quei suoi scherzi volgari *annoia* e *irrita*.'[2]

Il Magri commediografo è vero figlio del suo tempo. Le azioni delle sue commedie, come abbiamo visto, sono piuttosto morali; ma non destano grande interesse; nè si può dire che egli abbia usato una lingua corretta, nè che abbia fuggito le frasi sonanti e ricercate!...

Ci duole di non poterci trattenere più a lungo sulle sue commedie per mancanza di tempo e di spazio. Ne abbiamo dato questi brevi cenni, sperando così di destar in altri la curiosità di leggerle per intero.

[2] BELLONI *Il Seicento;* Milano, Vallardi, pp. 281, 284.

## Kronaka tal-Attivitajiet tal-Għaqda

Marzu 1972: Ħareġ l-ewwel għadd tal-perjodiku letterarju ġdid *Il-Musbieħ* maħruġ mill-Fergħa Kulturali tal-Għaqda. Il-Bord Editorjali hu magħmul minn Mario Costa B.A.(Hons.), Ġorġ Muscat, Mario L. Falzon u J.P. Portelli.

26 ta' Marzu 1972: Żjara tas-Sepolkri tal-Ġimgħa l-Kbira.

3 ta' Mejju, 1972: Lejla Letterarja fit-Tejatru tal-Università, il-Belt.

19 ta' Novembru, 1972: Żjara fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata fejn inqraw xi poeżiji u ntqal xi talb fuq l-oqbra ta' kittieba Maltin.

7 ta' Diċembru, 1972: Laqgħa ġenerali tal-Għaqda fit-Tejatru tal-Università. Elezzjoni tal-membri tal-Kumitat.

14 ta' Diċembru, 1972: L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Ċentrali.

21 ta' Diċembru, 1972: Lejla letterarja tal-Milied.

18 u 20 ta' Jannar, 1973: L-Għaqda ħadet sehem fil-konkors tad-drammi mniedi mit-Tejatru Manoel bl-att uniku *Is-Senduq* ta' Gino Muscat Azzopardi.

19 ta' Frar, 1973: Tliet membri tal-Kumitat tal-Għaqda, Mario Costa, Ġorġ Muscat u Mario L. Falzon, irrappreżentaw l-Għaqda fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Ċentrali tal-Malti f'Palazzo Caraffa, il-Belt.

*Stampat l-M.U.P.*
060773400